



2023/2390

10.10.2023

**DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/2390**

**tat-3 ta' Marzu 2023**

**dwar il-miżura SA.43147 (2020/C) (ex 2019/NN)**

**Il-Belġju — Ilment dwar l-ġhoti ta' għajnuna allegatament illegali mir-Reġjun ta' Wallonia lil Renewi**

(notifikata bid-dokument C(2023) 1419)

**(Il-verżjoni bil-Franċiż biss hija awtentika)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 108(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea u, b'mod partikolari, l-Artikolu 62(1)(a) tiegħu,

Wara li stiednet lill-partijiet interessati jissottomettu l-kummenti tagħhom skont dawk l-Artikoli <sup>(1)</sup>, u wara li kkunsidrat il-kummenti tagħhom,

Billi:

**1. PROĊEDURA**

- (1) Fit-18 ta' Settembru 2015, ġie ppreżentat ilment lill-Kummissjoni dwar l-għajnuna mill-Istat allegatament mogħtija mir-Reġjun ta' Wallonia lill-impriża Renewi Valorisation & Quarry (li qabel kienet magħrufa bħala "Shanks" <sup>(2)</sup>), hawn taħt imsejħa "Renewi") għat-tħaddim tal-landfill ta' Mont-Saint-Guibert fil-Belġju. Il-miżura ta' għajnuna inkwistjoni allegatament kienet tirriżulta mit-tassazzjoni b'rata mnaqqsa, abbażi ta' reġistrazzjonijiet għall-irkupru tal-iskart u ċertifikati ta' użu mogħtija mill-awtoritajiet ta' Wallonia, ta' operazzjonijiet li fir-realtà kienu jikkostitwixxu operazzjonijiet ta' rimi tal-iskart u, konsegwentement, kellhom ikunu soġġetti għar-rata standard tat-taxxa fuq ir-rimi ta' skart f'landfills.
- (2) Permezz ta' ittra tas-6 ta' Frar 2020, il-Kummissjoni infurmat lill-Belġju li hija kienet iddeċidiet li tagħti bidu għall-proċedura prevista fl-Artikolu 108(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE") fir-rigward tal-għajnuna.
- (3) Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tagħti bidu għall-proċedura ġiet ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea <sup>(3)</sup>. Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati biex jissottomettu l-kummenti tagħhom dwar il-miżura ta' għajnuna.
- (4) Il-Kummissjoni rċeviet kummenti mir-Reġjun ta' Wallonia fl-14 ta' April, fit-18 ta' Mejju, fis-6 ta' Awwissu u fis-17 ta' Diċembru 2020, fit-3 ta' Mejju 2021 u fis-17 ta' Mejju 2022, u mingħand Renewi fl-1 ta' Lulju 2020. Il-Kummissjoni baġtet l-osservazzjonijiet li rċeviet mingħand Renewi lir-Reġjun ta' Wallonia fl-10 ta' Lulju 2020.
- (5) Fuq talba tar-Reġjun ta' Wallonia, saru żewġ laqgħat, fit-22 ta' Ottubru u fit-12 ta' Novembru 2020. Rappreżentanti tad-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni, id-Direttorat Ġenerali għall-Ambjent, Renewi u r-Reġjun ta' Wallonia pparteċipaw f'dawn il-laqgħat.
- (6) Ma waslux kummenti oħra mingħand partijiet terzi, Stati Membri jew l-ilmentatur.

<sup>(1)</sup> ĠU C 187, 5.6.2020, p. 35.

<sup>(2)</sup> Wara l-akkwiżizzjoni ta' Van Gansewinkel Groep B.V. minn Shanks Netherlands Holdings B.V. fl-2017, Shanks Group PLC ingħata l-isem ta' Renewi PLC. Renewi Valorisation & Quarry hija parti mill-grupp Renewi PLC. Għalhekk, l-ilment issa jikkonċerna l-allegata għajnuna illegali mogħtija lil Renewi, peress li Renewi ħadet f'idejha l-attivitajiet ekonomiċi ta' Shanks.

<sup>(3)</sup> Ara n-nota 1 f'qiegħ il-paġna.

## 2. DESKRIZZJONI FID-DETTALL TAL-MIŻURA TA' GĦAJNUNA ALLEGATA

### 2.1. Titolu u deskrizzjoni tal-miżura ta' għajnuna allegata

- (7) Peress li l-miżura taħt skrutinju diġà ġiet deskritta fid-dettall fid-deċiżjoni tal-ftuħ <sup>(4)</sup>, deskrizzjoni se tiġi inkluża f'din id-Deċiżjoni biss sa fejn ikun meħtieġ.
- (8) Skont l-ilmentatur, il-miżura inkwistjoni kienet tikkonsisti fl-applikazzjoni, mill-2005, ta' rata mnaqqsa tat-taxxa fuq ir-rimi ta' ċertu skart fil-landfill ta' Mont-Saint-Guibert, filwaqt li r-rimi ta' dan l-iskart kellu fil-prinċipju jkun soġġett għal rata oġhla tat-taxxa.
- (9) L-ilment ippreżentat f'dan il-każ ma kienx jikkonċerna t-taxxa reġjonali ta' Wallonia fuq ir-rimi ta' skart f'landfills bħala tali, iżda l-applikazzjoni tagħha għall-operazzjonijiet speċifiċi mwettqa fil-landfill ta' Mont-Saint-Guibert abbażi ta' reġistrazzjonijiet għall-irkupru tal-iskart u ċertifikati ta' użu relatati mogħtija suċċessivament lil Renewi mill-awtoritajiet ta' Wallonia bejn l-2005 u l-2015. Skont l-ilmentatur, l-ġhoti tal-għajnuna li minnha bbenefikat l-impriża kien jirriżulta mill-klassifikazzjoni żbaljata tal-attivitajiet tagħha bħala operazzjonijiet ta' rkupru, li wasslet għal tnaqqis sinifikanti fl-ammont tat-taxxa reġjonali imposta. Skont l-ilmentatur, l-allegata għajnuna għalhekk tikkorrispondi għad-differenza bejn ir-rata sħiħa tat-taxxa reġjonali — applikabbli għall-operazzjonijiet ta' rimi — u r-rata mnaqqsa applikabbli għall-operazzjonijiet ta' rkupru applikata għar-rimi ta' ċertu skart minn Renewi fil-landfill ta' Mont-Saint-Guibert. Renewi għalhekk ibbenefikat minn rata aktar baxxa minn dik applikabbli għall-operazzjonijiet ta' rimi, ekwivalenti għal EUR 0 għal kull tunnellata u, mill-2015, ta' EUR 20 għal kull tunnellata (ara l-premessi 12 u 13).
- (10) L-ilmentatur jargumenta li l-prezz tat-trattament tal-iskart mitlub lill-produtturi tal-iskart jinkludi kwalunkwe kost relatat mat-trattament minn qabel u mat-trattament (eż. l-inċinerazzjoni jew ir-rimi), kif ukoll l-ammonti tat-taxxa li l-kumpanija li tittratta l-iskart hija meħtieġa tħallas lir-Reġjun ta' Wallonia. Għalhekk, Renewi allegatament tista' toffri lill-produtturi tal-fluff <sup>(5)</sup> prezz partikolarment attraenti għar-rimi tal-iskart tagħhom fil-landfill meta mqabbel mal-prezz mitlub mill-kompetituri f'landfills jew f'inċineraturi oħra. Barra minn hekk, l-ilmentatur isostni li d-deċiżjonijiet tal-Ministru għall-Ambjent ta' Wallonia li jirreġistraw ir-reġistrazzjonijiet ta' rkupru u li jagħtu ċ-ċertifikati rilevanti ġew adottati abbażi ta' setgħat diskrezzjonali.

### 2.2. Leġislazzjoni nazzjonali applikabbli dwar it-taxxa

- (11) It-taxxa fuq ir-rimi tal-iskart fil-landfills hija rregolata bid-Digriet Fiskali tat-22 ta' Marzu 2007 <sup>(6)</sup> dwar l-inkoraġġiment tal-prevenzjoni u l-irkupru tal-iskart fir-Reġjun ta' Wallonia, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2008.
- (12) Id-Digriet Fiskali tal-2007 jipprevedi rati oġhla ta' tassazzjoni għal metodi ta' trattament li huma aktar ta' ħsara għall-ambjent u għas-saħħa pubblika, bħar-rimi tal-iskart, u rati aktar favorevoli għal metodi ta' trattament anqas ta' ħsara, bħall-irkupru tal-iskart.
- (13) L-Artikolu 6(1)(11) tad-Digriet Fiskali tal-2007 jipprevedi rata tat-taxxa ta' EUR 0 għal kull tunnellata <sup>(7)</sup> għal "skart rekuperabbli użat fil-landfills bħala sostituti għal prodotti jew tagħmir meħtieġa għat-tħaddim u r-restawr tal-landfill, f'konformità mal-permess operattiv jew il-permess ambjentali". Ir-rati tat-taxxa standard applikabbli għall-iskart mhux rekuperabbli żdiedu gradwalment minn EUR 35 għal kull tunnellata għal EUR 100 għal kull tunnellata bejn l-2007 u l-2017 <sup>(8)</sup>.

<sup>(4)</sup> Ara l-premessi 6 sa 57 tad-deċiżjoni tal-ftuħ.

<sup>(5)</sup> Il-fluff huwa l-prodott tat-trattament minn qabel tal-iskart li fih jiġu rkuprati ċerti materjali (eż. metalli) u r-residwi jifarrku u jiġu skrinjati. Wara dan it-trattament minn qabel, il-materjali rkuprati jkunu fluff primarjament magħmul mill-plastik.

<sup>(6)</sup> Il-Gazzetta Uffiċjali Belġjana tal-24 ta' April 2007, p. 21883. Qabel l-adozzjoni tad-Digriet Fiskali tal-2007, it-tassazzjoni tal-iskart kienet irregolata bid-Digriet tal-25 ta' Lulju 1991 dwar it-tassazzjoni tal-iskart fir-Reġjun ta' Wallonia.

<sup>(7)</sup> Din ir-rata ta' EUR 0 għal kull tunnellata kienet valida għall-perjodu kopert mill-miżura, jiġifieri 2005-2015.

<sup>(8)</sup> Ara l-premessa 57 tad-deċiżjoni tal-ftuħ.

- (14) Permezz tad-Digriet tad-19 ta' Ġunju 2015 <sup>(9)</sup>, ir-rata ta' EUR 0 għal kull tunnellata applikabbli għall-operazzjonijiet ta' rkupru ġiet sostitwita b'rata ta' EUR 20 għal kull tunnellata.

### 2.3. Leġislazzjoni ambjentali applikabbli ta' Wallonia

- (15) F'Wallonia, l-immaniġġar tal-iskart huwa rregolat bid-Digriet dwar l-Iskart tas-27 ta' Ġunju 1996. L-oġġettiv tiegħu huwa li jipproteġi l-ambjent u s-saħħa tal-bniedem minn kwalunkwe impatt negattiv tal-iskart. L-Artikolu 1 tad-Digriet jistabbilixxi l-prinċipju ta' ġerarkija tal-iskart fl-ordni ġuridiku ta' Wallonia.
- (16) Abbażi tad-Digriet tal-1996 dwar l-Iskart, ir-Reġjun ta' Wallonia adotta l-Ordni tal-14 ta' Ġunju 2001 dwar l-inkoraġġiment tal-irkupru ta' ċertu skart <sup>(10)</sup> ("l-Ordni dwar l-Irkupru tal-Iskart"). L-Anness 1 ta' dik l-Ordni jinkludi lista ta' skart meqjus *a priori* bħala rekuperabbli. L-Anness jispeċifika l-materjal li għandu jiġi rkuprat, kemm jekk l-użu tiegħu jkun soġġett għal ċertifikat kif ukoll jekk le, kif ukoll iċ-ċirkostanzi li fihom l-iskart jiġi rkuprat, il-karatteristiċi tal-iskart u l-metodu/i ta' rkupru.
- (17) Permezz tad-Digriet tal-10 ta' Mejju 2012 <sup>(11)</sup>, ir-Reġjun ta' Wallonia ttraspona d-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(12)</sup> dwar l-iskart ("id-Direttiva dwar l-Iskart"). Id-Digriet jiddefinixxi "rimi" bħala kwalunkwe operazzjoni li ma tkunx irkupru, anki meta l-operazzjoni jkollha bħala konsegwenza sekondarja r-reklamazzjoni ta' sustanzi jew enerġija. "Irkupru", sadanittant, huwa definit bħala kwalunkwe operazzjoni li r-riżultat prinċipali tagħha jkun skart li jservi skop utli billi jissostitwixxi materjali oħra li kieku kienu jintużaw biex jissodisfaw funzjoni partikolari, jew skart li jkun qed jiġi ppreparat biex jissodisfa dik il-funzjoni, fl-impjant jew fl-ekonomija aktar ġenerali.
- (18) L-Artikolu 13 tal-Ordni dwar l-Irkupru tal-Iskart jistipula li skart ieħor mhux perikoluż, li ma kienx meqjus bħala rekuperabbli meta ġiet adottata l-Ordni, jista' jiġi rkuprat, dment li d-deċiżjoni ta' awtorizzazzjoni ministerjali tispeċifika ċ-ċirkostanzi tal-produzzjoni, il-karatteristiċi u l-metodu tal-użu ta' dak l-iskart u, fejn xieraq, ċertifikat tal-użu. L-Artikolu jipprevedi ċ-ċaħda ta' kwalunkwe applikazzjoni relatata mal-irkupru ta' skart perikoluż.

### 2.4. Leġislazzjoni ambjentali Ewropea applikabbli

#### 2.4.1. Kunċetti ta' rimi u rkupru fil-liġi Ewropea

- (19) Il-kunċetti ta' "rimi tal-iskart", "irkupru" u "irkupru ta' materjal" huma definiti fid-Direttiva dwar l-Iskart.
- (20) "Irkupru" tfisser "kwalunkwe operazzjoni li r-riżultat prinċipali tagħha jkun skart li jservi skop utli permezz tas-sostituzzjoni ta' materjali oħra li inkella kienu jintużaw biex jissodisfaw funzjoni partikolari, jew skart li qed jiġi ppreparat b'mod li jissodisfa dik il-funzjoni, fl-impjant jew fl-ekonomija usa" <sup>(13)</sup>.
- (21) Id-Direttiva dwar l-Iskart tiddefinixxi "irkupru ta' materjal" kif ġej: "kwalunkwe operazzjoni ta' rkupru, ħlief l-irkupru tal-enerġija u l-ipproċessar mill-ġdid f'materjali li jkunu se jintużaw bħala fjuwils jew mezzi oħra biex tiġi ġġenerata l-enerġija. Dan jinkludi, *inter alia*, it-thejġja għall-użu mill-ġdid, ir-riċiklaġġ u r-radam mill-ġdid" <sup>(14)</sup>.

<sup>(9)</sup> L-Artikolu 2 tad-Digriet tad-19 ta' Ġunju 2015 li jemenda d-Digriet Fiskali tat-22 ta' Marzu 2007 dwar l-inkoraġġiment tal-prevenzjoni u l-irkupru tal-iskart fir-Reġjun ta' Wallonia, il-Gazzetta Uffiċjali Belġjana tat-30 ta' Ġunju 2015, p. 37691, applikabbli mill-1 ta' Lulju 2015.

<sup>(10)</sup> L-Ordni tal-14 ta' Ġunju 2001 dwar l-inkoraġġiment tal-irkupru ta' ċertu skart, il-Gazzetta Uffiċjali Belġjana tal-10 ta' Lulju 2001, p. 23859.

<sup>(11)</sup> Id-Digriet li jittrasponi d-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi, il-Gazzetta Uffiċjali Belġjana tad-29 ta' Mejju 2012, p. 30502, disponibbli minn: [https://www.ejustice.just.fgov.be/mopdf/2012/05/29\\_1.pdf#Page46](https://www.ejustice.just.fgov.be/mopdf/2012/05/29_1.pdf#Page46)

<sup>(12)</sup> Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3).

<sup>(13)</sup> L-Artikolu 3(15) tad-Direttiva dwar l-Iskart.

<sup>(14)</sup> L-Artikolu 3(15a) tad-Direttiva dwar l-Iskart.

- (22) “Radam mill-ġdid” hija definita bħala “kwalunkwe operazzjoni ta’ rkupru fejn l-iskart mhux perikoluż xieraq jintuża għal skopijiet ta’ reklamazzjoni f’żoni skavati jew għal skopijiet ta’ inġinerija fil-pjanifikazzjoni tal-art. L-iskart użat għar-radam mill-ġdid irid jissostitwixxi materjali mhux skart, ikun xieraq għall-iskopijiet imsemmija hawn fuq u jkun limitat għall-ammont meħtieġ strettament sabiex jintlaħqu daww l-iskopijiet” <sup>(15)</sup>.
- (23) “Rimi” hija definita bħala “kull operazzjoni li ma hijiex irkupru anki meta l-operazzjoni għandha bħala konsegwenza sekondarja r-reklamazzjoni ta’ sustanzi jew enerġija” <sup>(16)</sup>.
- (24) Il-ġerarkija tal-iskart stabbilita fid-Direttiva dwar l-iskart ġiet trasposta bid-Digriet tal-10 ta’ Mejju 2012 <sup>(17)</sup>, li jiddefinixxi kif ġej:

“Il-ġerarkija tal-iskart li ġejja għandha tapplika f’ordni ta’ prijorità fil-leġislazzjoni, ir-regolamenti u l-politika ta’ Wallonia dwar il-prevenzjoni u l-immaniġġar tal-iskart:

1. prevenzjoni;
2. preparazzjoni għal użu mill-ġdid;
3. riċiklaġġ;
4. irkupru ieħor, eż. irkupru tal-enerġija; u
5. rimi <sup>(18)</sup>.”

- (25) Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE <sup>(19)</sup> (“id-Direttiva dwar ir-rimi ta’ skart f’Landfills”) tiddefinixxi l-iskart inerti kif ġej: “skart li ma jkunx soġġett għal xi trasformazzjoni sinifikanti fiżika, kimika jew bijoloġika. Skart inerti ma jidubx, ma jinharax jew inkella ma jirreaġixx fiżikament jew kimikament, ma jkunx bijodegradabbli jew jaffettwa ħażin materjal ieħor li jiġi f’kuntatt miegħu b’mod li x’aktarx joħloq tniġġis lill-ambjent jew jagħmel ħsara lis-saħħa tal-bniedem. L-estrazzjoni bl-ilma totali u kontenut ta’ tniġġis tal-iskart u l-ekotossiċità tal-estrazzjoni bl-ilma trid tkun insinifikanti, u partikolarment ma ġġibx fil-periklu l-kwalità tal-ilma tal-wiċċ u/jew l-ilma tal-qiegħ” <sup>(20)</sup>.
- (26) Id-Direttiva dwar ir-rimi ta’ skart f’Landfills tirrikonoxxi wkoll li skart mhux perikoluż huwa xieraq għal xogħlijiet ta’ żvilupp mill-ġdid jew ta’ restawr: “l-irkupru, bi qbil mad-Direttiva 75/442/KEE, ta’ skart qiegħed jew mhux perikoluż li huwa xieraq, permezz l-użu tagħhom fix-xogħol ta’ żvilupp mill-ġdid/restorazzjoni u l-mili, jew għal skopijiet ta’ kostruzzjoni jistgħu ma jikkostitwux attività ta’ rimi f’terraferma” <sup>(21)</sup>.

#### 2.4.2. Klassifikazzjoni bħala operazzjoni ta’ rkupru tal-iskart

- (27) Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (“il-Qorti tal-Ġustizzja”) <sup>(22)</sup>, iridu jiġu ssodisfati żewġ kundizzjonijiet kumulattivi biex operazzjoni tiġi kklassifikata bħala operazzjoni ta’ rkupru skont it-tifsira tad-Direttiva dwar l-iskart:

- (1) L-oġġettiv prinċipali tal-operazzjoni huwa li jiġi żgurat li l-materjali tal-iskart iservu skop utli billi jissostitwixxu materjali oħra li kienu jintużaw għal dak il-għan, u b’hekk tiġi inkoraġġita l-konservazzjoni tar-riżorsi naturali (kundizzjoni ta’ konservazzjoni) <sup>(23)</sup>;
- (2) l-iskart użat ikun adattat għal dan il-għan (kundizzjoni ta’ adeguatezza) <sup>(24)</sup>.

<sup>(15)</sup> L-Artikolu 3(17a) tad-Direttiva dwar l-iskart.

<sup>(16)</sup> L-Artikolu 3(19), tad-Direttiva dwar l-iskart.

<sup>(17)</sup> L-Artikolu 2 tad-Digriet tal-10 ta’ Mejju 2012.

<sup>(18)</sup> L-Artikolu 4(1) tad-Direttiva dwar l-iskart.

<sup>(19)</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE tas-26 ta’ April 1999 dwar ir-rimi ta’ skart f’terraferma (ĠU L 182, 16.7.1999, p. 1).

<sup>(20)</sup> L-Artikolu 2(e) tad-Direttiva dwar ir-rimi ta’ skart f’Landfills.

<sup>(21)</sup> Il-premessa 15 tad-Direttiva dwar ir-rimi ta’ skart f’Landfills.

<sup>(22)</sup> Is-Sentenza tat-28 ta’ Lulju 2016, *Edilizia Mastrodonato* (C-147/15, ECLI:EU:C:2016:606).

<sup>(23)</sup> Is-Sentenza ċċitata fin-nota 22 f’qiegħ il-paġna, il-punti 43 u 44.

<sup>(24)</sup> Is-Sentenza ċċitata fin-nota 22 f’qiegħ il-paġna, il-punt 45.

#### 2.4.3. Kundizzjoni ta' konservazzjoni

- (28) Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, il-karatteristika essenzjali ta' operazzjoni ta' rkupru tal-iskart hija li l-oġġettiv prinċipali tagħha jkun li l-iskart iservi skop utli billi jissostitwixxi materjali oħra li kien ikollhom jintużaw għal dak il-għan, u b'hekk jiġu kkonservati r-riżorsi naturali <sup>(25)</sup>.
- (29) Kif irrilevat mill-Qorti, minn dan jirriżulta li l-oġġettiv primarju tal-operazzjoni ta' rkupru jrid ikun il-konservazzjoni tar-riżorsi naturali. Min-naħa l-oħra, jekk il-konservazzjoni tar-riżorsi naturali tikkostitwixxi biss effett sekondarju ta' operazzjoni li l-oġġettiv prinċipali tagħha jkun ir-rimi tal-iskart, din ma tistax taffettwa l-klassifikazzjoni ta' dik l-operazzjoni bħala operazzjoni ta' rimi <sup>(26)</sup>.
- (30) Għalhekk huwa meħtieġ li jiġi ddeterminat jekk l-operazzjoni inkwistjoni kinitx isseħħ anki kieku dan l-iskart ma kienx disponibbli u, għaldaqstant, kien ikollhom jintużaw materjali oħra <sup>(27)</sup>.

#### 2.4.4. Kundizzjoni ta' adegwatezza

- (31) Il-Qorti tal-Ġustizzja sostniet li operazzjoni tista' tiġi kklassifikata bħala rkupru biss jekk, fid-dawl tal-għarfien xjentifiku u tekniku l-aktar reċenti, l-iskart użat ikun adattat għal dak il-għan <sup>(28)</sup>.
- (32) Skont id-Direttiva dwar ir-rimi ta' skart f'Landfills, l-iskart inerti huwa adattat għal xogħol ta' żvilupp mill-ġdid jew ta' restawr <sup>(29)</sup>. Il-premessa 15 ta' dik id-Direttiva tirrikonoxxi wkoll li skart mhux perikoluż huwa xieraq għal xogħlijiet ta' żvilupp mill-ġdid jew ta' restawr: "l-irkupru, bi qbil mad-Direttiva 75/442/KEE, ta' skart qiegħed jew mhux perikoluż li huwa xieraq, permezz l-użu tagħhom fix-xogħol ta' żvilupp mill-ġdid/restorazzjoni u l-mili, jew għal skopijiet ta' kostruzzjoni jistgħu ma jikkostitwux attività ta' rimi f'terraferma".
- (33) L-Artikolu 3(17a) tad-Direttiva dwar l-iskart jikkonferma wkoll li l-operazzjonijiet ta' radam mill-ġdid jitwettqu bl-użu ta' skart xieraq mhux perikoluż (ara l-premessa 22).

### 2.5. Deskrizzjoni tar-raġunijiet għall-bidu tal-proċedura

- (34) Abbażi tal-informazzjoni disponibbli meta nbdiet il-proċedura, il-Kummissjoni qieset li l-miżura inkwistjoni, jiġifieri l-applikazzjoni, fil-kuntest tal-attivitàjiet ta' Renewi fil-landfill ta' Mont-Saint-Guibert, tar-rata mnaqqsa għall-operazzjonijiet ta' rkupru minflok ir-rata sħiħa applikabbli għall-operazzjonijiet ta' rimi minn Frar 2009 (ara l-premessi 49, 50 u 51), qajmet dubji dwar il-klassifikazzjoni tagħha bħala għajjnuna mill-Istat u l-kompatibbiltà tagħha mas-suq intern.
- (35) Fid-deċizzjoni tal-ftuħ tagħha, il-Kummissjoni esprimiet dubji dwar l-adeqwatezza tal-klassifikazzjoni tal-operazzjoni tal-landfill mill-awtoritajiet Belġjani bħala operazzjoni ta' rkupru b'referenza għall-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja stabbilita fil-Kawża C-147/15. Abbażi tal-informazzjoni disponibbli dak iż-żmien, ma kienx possibbli jintwera li l-konservazzjoni tar-riżorsi naturali kienet l-oġġettiv primarju tal-operazzjoni f'dan il-każ. B'mod partikolari, minħabba li l-ħolqien tal-koppla bl-użu ta' materjali oħra għajr l-iskart ma jidhri li kien previst, ma setax jiġi argumentat li l-iskart kien se jissostitwixxi b'mod utli materjali oħra. Il-fluff biss deher li kien adattat u disponibbli fi kwantitajiet suffiċjenti, minħabba l-karatteristiċi tekniċi definiti xjentifikament li l-materjali kellhom juru (prinċipalment in-natura ħafifa, inerti u mhux bijodegradabbli tagħhom) u l-kwantitajiet meħtieġa f'perjodu ta' żmien relattivament qasir (madwar 80 000 tonnellata fuq ftit snin).
- (36) Barra minn hekk, l-informazzjoni disponibbli fiż-żmien tat-tnedija tal-proċedura wasslet lill-Kummissjoni biex temmen li, mill-perspettiva ta' konformità mal-ġerarkija tal-iskart, il-fluff kien aktar adattat għall-inċinerazzjoni u għall-produzzjoni tal-enerġija.

<sup>(25)</sup> Is-Sentenza tas-27 ta' Frar 2002, *Abfall Service AG (ASA) vs Bundesminister für Umwelt, Jugend und Familie* (C-6/00, ECLI:EU:C:2002:121), il-punt 69.

<sup>(26)</sup> Is-Sentenza ċċitata fin-nota 22 f'qiegħ il-paġna, il-punt 39, u l-ġurisprudenza ċċitata.

<sup>(27)</sup> Is-Sentenza ċċitata fin-nota 22 f'qiegħ il-paġna, il-punti 43 u 44.

<sup>(28)</sup> Is-Sentenza tat-28 ta' Lulju 2016, *Edilizia Mastrodonato* (C-147/15, ECLI:EU:C:2016:606), il-punt 45.

<sup>(29)</sup> L-Artikolu 3(2) tad-Direttiva dwar ir-rimi ta' skart f'Landfills.

- (37) Fid-dawl ta' dik l-informazzjoni, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-applikazzjoni għar-rimi f'landfills tar-rata mnaqqa applikabbli għall-operazzjonijiet ta' rkupru tista' tikkostitwixxi vantaġġ selettiv. Il-Kummissjoni għalhekk qieset li Renewi kienet tidher li ġiet meħlusa minn piż tat-taxxa li dik il-kumpanija normalment kien ikollha ġġarrab kieku l-attivitajiet tagħha ġew ittrattati bħala rimi ta' skart pjuttost milli rkupru tal-iskart. Barra minn hekk, il-Kummissjoni qieset li l-kriterji l-oħra msemmija fl-Artikolu 107(1) tat-TFUE kienu jidhru li ġew issodisfati.
- (38) Il-miżura inkwistjoni għalhekk setgħet tikkostitwixxi għajjnuna mill-Istat.
- (39) Peress li l-miżura inkwistjoni ġiet implimentata qabel ma ġiet innotifikata lill-Kummissjoni, l-awtoritajiet ta' Wallonia setgħu naqsu milli jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont l-Artikolu 108(3) tat-TFUE.
- (40) Fir-rigward tal-kompatibbiltà tal-għajjnuna allegatament mogħtija, il-Kummissjoni esprimiet dubji dwar jekk l-applikazzjoni tar-rata mnaqqa għall-operazzjonijiet imwettqa minn Renewi fil-landfill ta' Mont-Saint-Guibert minflok ir-rata applikabbli għall-operazzjonijiet ta' rimi f'landfills tistax (i) tikkostitwixxi kumpens għal obbligu ta' servizz pubbliku kompatibbli mal-Artikolu 106(2) tat-TFUE, jew (ii) tiġi ddikjarata bħala kompatibbli mal-Linji Gwida tal-2008 <sup>(30)</sup> jew tal-2014 <sup>(31)</sup> dwar l-għajjnuna mill-Istat għall-ħarsien tal-ambjent.
- (41) Fid-dawl tal-informazzjoni li kellha dak iż-żmien, u billi kien impossibbli li jiġi kkonfermat jekk l-allegata għajjnuna kinitx kompatibbli mas-suq intern, il-Kummissjoni ddeċidiet li tniedi l-proċedura ta' investigazzjoni formali.

### 3. KUMMENTI MIR-REĠJUN TA' WALLONIA

- (42) Fir-rigward tal-allegata klassifikazzjoni tal-miżura bħala għajjnuna mill-Istat, ir-Reġjun ta' Wallonia jqis li l-kundizzjonijiet ta' vantaġġ u ta' selettività ma humiex issodisfati. Huwa jqis li l-operazzjoni ġiet ikklassifikata b'mod korrett bħala rkupru f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-leġiżlazzjoni applikabbli tal-UE u ta' Wallonia. Fil-fatt, l-operazzjonijiet kienu jitwettqu anki fin-nuqqas ta' skart xieraq fi kwantitajiet suffiċjenti (ara t-Taqsima 3.1); imbagħad kienu jintużaw materjali oħra (ara t-Taqsima 3.3); u l-iskart użat kien adattat għall-iskop (ara t-Taqsima 3.2).
- (43) Skont ir-Reġjun ta' Wallonia, in-nuqqas ta' selettività jirriżulta minn dispożizzjonijiet fiskali ġenerali, li japplikaw b'mod indiskriminat għal kwalunkwe impriża skont il-klassifikazzjoni tat-tip ta' użu tal-iskart. Il-klassifikazzjoni ta' operazzjoni bħala rkupru jew rimi ssir b'mod mhux diskrezzjonali, peress li d-deċiżjoni tal-Ministru għall-Ambjent hija parti minn proċedura formali, u hija bbażata fuq analiżi fil-fond mill-amministrazzjoni ta' Wallonia tad-dokumenti u tal-informazzjoni pprovduta mill-applikant għar-reġistrazzjoni għall-irkupru tal-iskart.

#### 3.1. L-obbligu legali li tingħalaq u tiġi restawrata l-landfill ta' Mont-Saint-Guibert

- (44) Fl-osservazzjonijiet addizzjonali tiegħu tas-17 ta' Diċembru 2020, ir-Reġjun ta' Wallonia josserva li, skont l-Ordni tas-27 ta' Frar 2003 dwar il-kundizzjonijiet operattivi settorjali tal-landfills ("l-Ordni dwar il-Kundizzjonijiet Settorjali") <sup>(32)</sup>, l-operaturi kollha tal-landfills fir-Reġjun ta' Wallonia, mingħajr eċċezzjoni, huma soġġetti għall-obbligu li jiffurmaw is-siti tagħhom bħal koppla sabiex jiżguraw gradjent minimu ta' inklinazzjoni ta' 3 % wara l-inżul (settlement) u biex jippermettu l-fluss tal-gravità tal-ilma tal-maltemp lejn il-gandotti lil hinn mil-landfill.
- (45) Mill-2004, il-landfill ta' Mont-Saint-Guibert ġiet ġestita abbażi ta' permess uniku datat l-10 ta' Mejju 2004 ("il-permess uniku"), mogħti mir-Reġjun ta' Wallonia u validu sal-20 ta' Novembru 2014 (bħala permess operattiv).
- (46) Il-landfill ta' Mont Saint Guibert hija maqsuma f'għadd ta' setturi.

<sup>(30)</sup> L-Avviż tal-Kummissjoni — Linji Gwida dwar l-għajjnuna mill-Istat għall-ħarsien tal-ambjent u l-enerġija (ĠU C 82, 1.4.2008, p. 1).

<sup>(31)</sup> L-Avviż tal-Kummissjoni — Linji Gwida dwar l-għajjnuna mill-Istat għall-protezzjoni ambjentali u l-enerġija 2014-2020 (ĠU C 200, 28.6.2014, p. 1).

<sup>(32)</sup> Il-Gazzetta Uffiċjali Belġjana tat-13 ta' Marzu 2003, p. 11486, disponibbli minn: [http://www.ejustice.just.fgov.be//mopdf/2003/03/10\\_1.pdf#Page68](http://www.ejustice.just.fgov.be//mopdf/2003/03/10_1.pdf#Page68)

(47) Meta ħareġ il-permess uniku, il-Ministru għall-Ambjent ta' Wallonia:

- irrikjeda r-restawr sħiħ tas-settur 1 permezz ta' operazzjonijiet ta' rkupru, abbażi ta' studju dettaljat tal-materjali jew tal-iskart li kellhom jiġu pproċessati sabiex jiġu stabbiliti profili xierqa, u tiġi żgurata konnessjoni ottimali mas-setturi 2 sa 8 tal-landfill;
- awtorizza lil Renewi biex topera s-setturi 2 sa 8 tal-landfill;
- irrikjeda li Renewi tuża l-irkupru tal-iskart jekk l-għoli fil-mira ta' 161 metru wara l-inżul ma jkunx intlaħaq fil-landfill kollha.

(48) Bil-ħsieb tal-għeluq tas-sit fil-21 ta' Novembru 2014, beda x-xogħol fuq ir-restawr (biex il-landfill tiġi fformata bħal koppla) u l-għata <sup>(33)</sup> (minn Frar 2009 għas-settur 1, u minn Novembru 2011 għas-setturi 2 sa 8). Ir-Reġjun jirrimarka li t-tnejja għall-għeluq ta' landfill sabiex ikun jista' jsir proċess ta' restawr aktar effiċjenti, filwaqt li b'mod parallel jitkomplew l-operazzjonijiet tar-rimi, hija komuni ħafna fis-settur tal-immaniġġar tal-iskart. Matul il-perjodu ta' tħaddim ta' landfill, xi setturi tal-landfill li ma jkunux għadhom miftuħa għall-operazzjonijiet ta' rimi jiġu ppreparati għall-operazzjonijiet ta' restawr fl-istess ħin li setturi oħra tal-landfill jibqgħu jintużaw. Dawn l-operazzjonijiet ta' restawr kienu jeħtieġu ċertifikati ta' rkupru li jawtorizzaw lil Renewi tuża ċerti tipi ta' skart rekuperabbli mhux elenkati fl-Anness 1 tal-Ordni dwar l-Irkupru tal-Iskart. Ir-reġistrazzjonijiet u ċ-ċertifikati kollha jikkonfermaw l-oġettiv ewlieni tal-operazzjonijiet inkwistjoni u jispeċifikaw li l-irkupru tal-fluff jifforma parti mill-proċess ta' żvilupp mill-ġdid u restawr tal-landfill ta' Mont-Saint-Guibert.

(49) Peress li l-irkupru tal-iskart b'rabta mal-għeluq tas-sit ġie impost fuq Renewi mill-kundizzjonijiet speċifiċi tal-permess uniku, il-kumpanija applikat għar-reġistrazzjoni, li hija kisbet fit-30 ta' Novembru 2005 flimkien ma' ċertifikat ta' rkupru relatat Nru 2005/13/73/3/4 għall-mili mill-ġdid tas-settur 1. Iċ-ċertifikat ta' rkupru jiddikjara li l-iskart awtorizzat għall-irkupru jrid ikollu "densità xierqa sabiex jiġi evitat l-inżul eċċessiv fil-massa tal-iskart u jiġu żgurati inklinazzjonijiet stabbli biex jippermettu l-iskol tal-ilma tal-maltemp". L-iskart ikkonċernat kellu jkun "skart mhux perikoluż u inert li jaqa' taħt il-kodiċijiet 170107 — taħlita ttrattata ta' konkrit, briks, madum u ċeramika, 170795 — skart tad-demolizzjoni ttrattat, 191204 — tajers u ċangaturi tal-gomma mfarrkin, 191212 — fluff mhux bijodegradabbli u 200307 — skart goff imfarrak".

(50) Fl-aħħar nett, madankollu, ir-reġistrazzjoni u ċ-ċertifikat, validi għal 3 snin, qatt ma ntużaw, peress li x-xogħol preparatorju meħtieġ biex jitwettqu l-operazzjonijiet ta' rkupru fis-settur 1 ma tlestiex qabel Diċembru 2008.

(51) Għalhekk, l-operazzjonijiet ta' rkupru setgħu jibdew biss fis-settur 1 fi Frar 2009, kif muri minn ittra datata t-3 ta' Awwissu 2009 li fiha Renewi applikat għand l-Awtorità tal-Iskart ta' Wallonia (*Office wallon des déchets*) għal reġistrazzjoni ġdida u ċertifikat ġdid ta' użu. Kien abbażi tar-reġistrazzjoni u ċ-ċertifikat ta' użu, miksuba fit-18 ta' Diċembru 2008, li setgħu jibdew l-operazzjonijiet ta' rkupru fis-settur 1. Din ir-reġistrazzjoni l-ġdida u dan iċ-ċertifikat ġdid ta' użu, validi sal-31 ta' Diċembru 2009, awtorizzaw operazzjonijiet ta' rkupru għall-istess skart bħal qabel (ara l-premessa 49), għall-fini tal-mili mill-ġdid tas-settur 1. Renewi għalhekk ma setgħetx tibbenefika mir-rata mnaqqa tat-taxxa għall-operazzjonijiet ikklassifikati bħala rkupru sa Frar 2009.

(52) Fid-dawl tad-dewmien fix-xogħol ta' restawr u żvilupp mill-ġdid fis-settur 1, ir-reġistrazzjoni u ċ-ċertifikat kellhom jerġgħu jiġu estiżi fl-10 ta' Novembru 2009, għal 3 snin, bir-reġistrazzjoni u ċ-ċertifikat Nru 2009/13/73/3/4, validi sal-31 ta' Diċembru 2011. Fl-istess jum, inħarġu reġistrazzjoni ġdida u ċertifikat ġdid Nru 2009/13/114/3/4 (validi sal-31 ta' Diċembru 2011), li jawtorizzaw lil Renewi tirkupra, minbarra "skart mhux perikoluż u inert li jaqa' taħt il-kodiċijiet 170107 — taħlita ttrattata ta' konkrit, briks, madum u ċeramika, 170795 — skart tad-demolizzjoni ttrattat, 191204 — tajers u ċangaturi tal-gomma mfarrkin, 191212 — fluff mhux bijodegradabbli u 200307 — skart goff imfarrak", fluff kombustibbli li jaqa' taħt il-kodiċi 191210.

<sup>(33)</sup> L-"għata" tinvolvi t-tqegħid ta' liżar tal-issiġillar/tad-drenaġġ fuq kull saff tal-iskart.

- (53) Kemm il-fluff kombustibbli kif ukoll il-fluff mhux bijodegradabbli jappartjenu għall-kategoriji 191210 — “skart kombustibbli (fjuwil derivat mill-iskart)” u 191212 — “skart ieħor (inklużi taħlitiet) mit-trattament mekkaniku ta’ skart għajr [skart li fih sustanzi perikolużi]” deskritti fl-Ordni tal-Gvern ta’ Wallonia tal-10 ta’ Lulju 1997 <sup>(34)</sup> li tistabbilixxi klassifikazzjoni tal-iskart. Dawn iż-żewġ kategoriji — 191210 u 191212 — huma kkunsidrati bħala skart mhux perikoluż f’din l-Ordni.
- (54) Skont l-Ordni li tistabbilixxi klassifikazzjoni tal-iskart, il-fluff kombustibbli u l-fluff mhux bijodegradabbli t-tnejn jappartjenu għall-kategorija “skart mhux bijodegradabbli kompatibbli mal-iskart organiku bijodegradabbli fil-kuntest tad-depożiti fil-landfills”, dment li dawn ma jkunux jistgħu jirreaġixxu mal-iskart organiku bijodegradabbli jew jimminaw l-effettività tal-irkupru tal-gassijiet <sup>(35)</sup>. Ir-Reġjun ta’ Wallonia jispjega li t-terminu “kombustibbli” jirriżulta biss mill-fatt li dan it-tip ġdid ta’ skart kelli jiġi kklassifikat taħt wieħed mit-tipi eżistenti ta’ skart elenkati fil-leġiżlazzjoni ta’ Wallonia u li, fid-dawl tal-valur kalorifiku tiegħu, kien jagħmel sens li dan it-tip ta’ fluff jiġi kklassifikat mal-iskart li jaqa’ taħt il-kodiċi 191210 — “skart kombustibbli (fjuwil mill-iskart)”. It-terminu “kombustibbli” jfisser biss li dan it-tip ta’ fluff għandu ċertu valur kalorifiku nett (“NCV”) u mhux li dan l-NCV huwa adattat speċifikament għal operazzjonijiet ta’ inċinerazzjoni, kemm jekk f’inċineraturi jew f’kalkari tas-siment. Sabiex jiġi aċċettat fil-maġġoranza tal-inċineraturi, l-iskart irid ikollu NCV ta’ madwar 10 000-12 000 kJ/kg jew massimu, fi kwantitajiet żgħar, ta’ 13 000 kJ/kg. Il-ħruq ta’ skart b’NCV oġġla jirriżulta f’degradazzjoni eċċessiva tal-kalkari. Madankollu, il-fluff użat għall-operazzjonijiet ta’ rkupru fil-landfill ta’ Mont-Saint-Guibert għandu NCV ta’ 14 100 kJ/kg <sup>(36)</sup>.
- (55) Skont l-informazzjoni pprovduta mir-Reġjun ta’ Wallonia, mill-iskart li għalih Renewi kisbet ċertifikati ta’ rkupru, fluff mhux bijodegradabbli u skart goff imfarrak biss fil-fatt intużaw għal skopijiet ta’ rkupru fis-settur 1 minn Frar 2009. Il-fluff kombustibbli ntuża biss mill-2010 ‘il quddiem.
- (56) Bejn Frar 2009 u Diċembru 2009, l-iskart goff imfarrak <sup>(37)</sup> intuża fil-landfill fi kwantitajiet limitati <sup>(38)</sup>. L-iskart goff kien ipprojbiet milli jidhrol fil-landfill mill-1 ta’ Jannar 2010 skont l-Ordni tal-Gvern ta’ Wallonia li pprojbiet it-tqegħid ta’ ċertu skart fil-landfills <sup>(39)</sup>.
- (57) Fir-rigward tas-setturi 2 sa 8, il-permess uniku mogħti lil Renewi awtorizza t-tiswir tal-landfill bħal koppla b’għoli massimu qabel l-inżul ta’ 167 m u għoli finali, wara l-inżul, ta’ 161 metru ‘l fuq mil-livell tal-baħar. Fi tmien l-operazzjonijiet, il-gradjent ta’ inklinazzjoni tal-koppla wara l-inżul kelli jkun bejn 3 % u 14 % <sup>(40)</sup>.
- (58) Il-permess uniku jistipula li fejn l-għoli fil-mira ta’ 161 metru ma jintlaħaq, l-operatur irid iżid il-landfill billi juża materjali li jissodisfaw iċ-ċirkostanzi u l-karatteristiċi tal-operazzjonijiet ta’ rkupru stabbiliti fl-Ordni dwar l-inkoraġġiment tal-irkupru ta’ ċertu skart, sabiex dan l-għoli jintlaħaq mingħajr eċċezzjoni.
- (59) Matul it-tħaddim tal-landfill, ġew adottati projbizzjonijiet suċċessivi fuq ir-rimi ta’ ċertu skart fil-landfills fir-Reġjun ta’ Wallonia permezz tal-Ordni tal-Gvern ta’ Wallonia li tipprojbixxi t-tqegħid ta’ ċertu skart fil-landfills <sup>(41)</sup>.

<sup>(34)</sup> Ara l-Ordni tal-Gvern ta’ Wallonia tal-10 ta’ Lulju 1997 li tistabbilixxi klassifikazzjoni tal-iskart, il-Gazzetta Uffiċjali Belġjana tat-30 ta’ Lulju 1997, disponibbli minn: <http://environnement.wallonie.be/legis/dechets/decat026.htm>, (Ordni li tistabbilixxi klassifikazzjoni tal-iskart).

<sup>(35)</sup> Ara l-Artikolu 11/2 tal-Ordni li tistabbilixxi klassifikazzjoni tal-iskart.

<sup>(36)</sup> Ir-rapport ta’ analiżi tat-28 ta’ Jannar 2014 minn Agrolab Group.

<sup>(37)</sup> L-Artikolu 2(2) tal-Ordni tal-Gvern ta’ Wallonia tal-5 ta’ Marzu 2008 dwar l-immaniġġar tal-iskart li jirriżulta mill-attivitàjiet tas-soltu tal-unitajiet domestiċi u l-kostijiet relatati jiddefinixxi l-kunċett ta’ skart goff. “Goff” tfisser kwalunkwe skart li ma joqgħodx f’borża ta’ 60 litru jew f’kontenitur tal-ġbir. B’estensjoni, it-terminu “goff” jinkludi kwalunkwe skart li jkun voluminuż wisq (akbar minn kubu bi għub ta’ 30 ċentimetru) u/jew tqil wisq biex joqgħod f’borża ta’ (60 litru) jew f’kontenitur mġhammar b’ċippa li ma tkunx is-suġġett ta’ ġbir selettiv (eż.: saqqijiet, irfid tas-saqqijiet, għamara żarmata, linolu, twapet, wallpaper). Ta’ min jinnota li l-iskart goff użat fil-landfill kien skart goff imfarrak.

<sup>(38)</sup> 9 307 tunnellati fl-2009, meta mqabbel ma’ 16 902 tunnellati ta’ fluff mhux bijodegradabbli.

<sup>(39)</sup> L-Ordni tal-Gvern ta’ Wallonia tat-18 ta’ Marzu 2004 li tipprojbixxi d-depożitu ta’ ċertu skart f’landfills u li tistabbilixxi l-kriterji għall-aċċettazzjoni ta’ skart f’landfills, kif emendata bl-Ordni tal-Gvern ta’ Wallonia tas-7 ta’ Ottubru 2010, disponibbli minn: <http://environnement.wallonie.be/legis/dechets/decen008.htm>

<sup>(40)</sup> L-Artikolu 18, il-ħames subparagrafu, tal-kundizzjonijiet speċifiċi tal-permess uniku.

<sup>(41)</sup> Ara n-nota 39 f’qiegħ il-paġna.



- (60) Dik l-Ordni għalhekk tipprojbixxi d-depożitu f'landfills ta' ċerti tipi ta' skart, b'mod partikolari ċertu skart perikoluż, kif ukoll tajers sħaħ użati, skart miġbur separatament u skart tal-metall.
- (61) Dawn il-projbizzjonijiet suċċessivi naqqsu l-kwantitajiet ta' skart mormi fil-landfill ta' Mont-Saint-Guibert, u ġiegħlu lil Renewi tadatta għal suq li qed jinbidel b'mod kostanti, fejn l-ammont ta' skart disponibbli għar-rimi kompli jonqos. Skont ir-Reġjun ta' Wallonia, bejn l-2009 u l-2010 ġie rreġistrat tnaqqis ta' 212 000 tonnellata fil-kwantitajiet ta' skart mormi.
- (62) Kull sena mill-2004, Renewi għalhekk kellha tfittex modi alternattivi biex tikseb flussi differenti ta' skart sabiex tilħaq il-profil finali impost fuqha mill-permess uniku, skont l-Ordni dwar il-Kundizzjonijiet Settorjali <sup>(42)</sup>. Fl-2013 u fl-2014, pereżempju, Renewi rnexxielha tikseb ammont sinifikanti ta' materjali ta' skart tal-fibreglass u skart mid-distruzzjoni ta' tifrik tal-karozzi u ruttam għar-rimi fil-landfill ta' Mont-Saint-Guibert.
- (63) Ir-Reġjun ta' Wallonia jissottolinja wkoll il-kuntest idroġeoloġiku partikolari tas-sit, li huwa kkaratterizzat minn grad għoli ta' vulnerabbiltà, minħabba r-riskju sinifikanti ta' deterjorament fil-kwalità tal-ilma ta' taħt l-art ikkawżat mill-infiltrazzjoni tal-lissija, li jipperikola serjament il-possibbiltajiet tal-użu ta' dak l-ilma għall-produzzjoni tal-ilma tax-xorb. Dan il-kuntest diffiċli wassal għall-istabbiliment ta' Kumitat Xjentifiku inkarigat biex jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-awtoritajiet meta jieħdu deċiżjonijiet dwar il-landfill ta' Mont-Saint-Guibert.
- (64) Ir-Reġjun ta' Wallonia jirrimarka li tiġdid tal-permess operattiv għal-landfill ta' Mont-Saint-Guibert ma kienx possibbli fid-dawl tal-problemi ambjentali identifikati. Lanqas ma kien possibbli li jitnaqqsu l-kwantitajiet ta' skart li kellhom jidħlu fil-landfill sabiex jiġu mħarsa r-rekwiżiti tal-gradjent minimu ta' inklinazzjoni imposti mill-leġiżlazzjoni ta' Wallonia.
- (65) Kif jirrimarka r-Reġjun ta' Wallonia, kien meħtieġ li jibda jiġi ppjanat l-għeluq tas-sit diġà fl-2011, sabiex jiġi żgurat l-għeluq effettiv tiegħu sal-21 ta' Novembru 2014. Minn dak il-punt 'il quddiem, il-Kumitat Xjentifiku ta' attenzjoni partikolari għall-ħtieġa li jiġi definit il-profil finali b'tali mod li jinkisbu inklinazzjonijiet fil-landfill li jipprevjenu nżul differenzjali li jikkawża l-istaġnar tal-ilma tal-wiċċ li jenħtieġ li jgħaddi għall-gandotti tad-drenaġġ. Għal dan l-istess objettiv, il-Kumitat Xjentifiku impona l-użu ta' skart li kien "ħafif kemm jista' jkun" fir-restawr tas-sit biex jiġi evitat inżul differenzjali eċċessiv.
- (66) Ir-Reġjun ta' Wallonia jirrimarka li, meta fil-bidu tal-2011 ittieħdet id-deċiżjoni li jingħalaq is-sit, il-profil tal-landfill wara l-inżul kellu gradjent ta' inklinazzjoni ta' anqas minn 3 % fxi postijiet u għalhekk ma kienx konformi mar-rekwiżiti tal-Artikolu 16, il-ħames subparagrafu, tal-Ordni dwar il-Kundizzjonijiet Settorjali. Dan il-profil għalhekk kellu jiġi mmudellat mill-ġdid sabiex tiġi rrispettata l-limitazzjoni minima tal-gradjent ta' inklinazzjoni ta' 3 %. Il-mudelli żviluppati mill-Kumitat Xjentifiku, ippreżentati fl-opinjoni tiegħu tal-11 ta' Marzu 2011, għamluha possibbli li jiġu kkalkulati l-volumi minimi ta' skart meħtieġa biex jiġi żgurat li (i) il-koppla jkollha inklinazzjonijiet medji bi gradjent ta' mill-anqas 3 % wara l-inżul fis-sit kollu, u (ii) inklinazzjonijiet medji bi gradjent ta' massimu ta' 14 % fis-sit kollu sabiex tiġi żgurata l-istabbiltà tal-massa tal-iskart. Il-volum finali ta' skart meħtieġ qabel l-għeluq tal-landfill b'hekk tnaqqas b'76 401 m<sup>3</sup>.
- (67) Fit-28 ta' Ġunju 2011, wara d-deċiżjoni li jingħalaq is-sit, f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-permess uniku u abbażi tar-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-Kumitat Xjentifiku fir-rapport tiegħu tal-11 ta' Marzu 2011, Renewi ppreżentat applikazzjoni għar-reġistrazzjoni għall-irkupru ta' skart mhux perikoluż tat-tipi 191210 — fluff kombustibbli u 191212 — fluff mhux bijodegradabbli għall-irkupru fil-kuntest tal-għeluq tal-landfill kollha ta' Mont-Saint-Guibert.

<sup>(42)</sup> Il-Gazzetta Uffiċjali Belġjana tat-13 ta' Marzu 2003, p. 11486, disponibbli minn: [http://www.ejustice.just.fgov.be//mopdf/2003/03/10\\_1.pdf#Page68](http://www.ejustice.just.fgov.be//mopdf/2003/03/10_1.pdf#Page68)

- (68) Abbażi tal-opinjoni jiet tal-Kumitat Xjentifiku u f'konformità mal-kundizzjonijiet li jinsabu fil-permess uniku, b'segwitu għall-proċedura ta' għeluq li kienet diġà bdiet għas-settur 1, fl-4 ta' Novembru 2011 il-Ministru għall-Ambjent ħareġ lil Renewi r-reġistrazzjoni Nru 2011/13/132/3/4 u ċ-ċertifikat ta' rkupru relatat, li awtorizza l-irkupru tal-fluff għal perjodu ta' 5 snin, bħala parti mill-għeluq tal-landfill kollha ta' Mont-Saint-Guibert. Għalhekk, ir-reġistrazzjoni l-għdida u ċ-ċertifikat il-għdid awtorizzaw l-irkupru ta' fluff kombustibbli u fluff mhux bijodegradabbli bħala parti mill-għeluq tal-landfill kollha, inkluż is-settur 1, li mbagħad ġie integrat fil-proċess ġenerali tal-għeluq tal-landfill.
- (69) Din ir-reġistrazzjoni u ċ-ċertifikat ta' użu, inizjalment relatati mat-tiswir tas-sit bħal koppla, ġew imġedda b'deċiżjoni datata t-18 ta' Awwissu 2015 (reġistrazzjoni u ċertifikat ta' użu Nru 2015/13/223/3/4). Dak iċ-ċertifikat kien validu sat-18 ta' Awwissu 2020, peress li l-perjodu ta' validità kien ġustifikat, skont ir-Reġjun ta' Wallonia, mill-kwantitajiet konsiderevoli ta' materjali meħtieġa biex tlestia l-koppla (f'konformità maċ-ċertifikat ta' użu, Renewi tħalliet jirkupra sa 400 000 tonnellata ta' fluff). Il-"koppla" tlestiet f'Novembru 2019, qabel l-iskadenza taċ-ċertifikat tal-utent.
- (70) Kemm ir-reġistrazzjoni Nru 2011/13/132/3/4 u ċ-ċertifikat ta' rkupru relatat kif ukoll ir-reġistrazzjoni Nru 2015/13/223/3/4 u ċ-ċertifikat ta' użu relatat kienu jippermettu l-iżvilupp mill-għdid tal-landfill f'konformità mal-permess uniku (bil-għan li jiġi evitat l-inżul eċċessiv fil-massa tal-iskart u jiġu żgurati inklinazzjonijiet stabbli biżżejjed biex jippermettu l-iskol naturali tal-ilma tal-maltemp).
- (71) Il-fażi tar-restawr, fil-forma ta' għata tas-setturi 2 sa 8, bdiet fl-2020, wara li tlestiet il-koppla. Ir-Reġjun ta' Wallonia jsostni li r-restawr inizjalment twettaq bl-użu ta' materjali li jikkonformaw mar-reġistrazzjoni Nru 2016/616/3/4, li tiskadi fis-26 ta' Ottubru 2026. L-iskart kopert bir-reġistrazzjoni Nru 2016/616/3/4 jikkorrispondi għall-iskart elenkat fl-Anness 1 tal-Ordni dwar l-Irkupru tal-Iskart.
- (72) Fl-osservazzjonijiet tiegħu tat-3 ta' Mejju 2021, ir-Reġjun ta' Wallonia jtenni l-fehma tiegħu li l-operazzjonijiet inkwistjoni kienu jitwettqu anki kieku l-iskart ma ntużax, minħabba l-obbligu legali li tingħalaq u tiġi restawrata l-landfill.

### 3.2. Il-fluff bħala t-tip ewlieni ta' skart adattat għall-operazzjoni ta' restawr u l-iskart goff imfarrak

- (73) Ir-Reġjun ta' Wallonia jikkonferma wkoll li, abbażi ta' studju mwettaq mid-ditta ta' konsulenza Greisch u ppreżentat fil-31 ta' Ottubru 2002 ("l-istudju Greisch") <sup>(43)</sup>, ferm qabel l-għeluq tal-landfill, ġie deċiż li jintuża l-iskart għall-operazzjonijiet ta' restawr "biex jiġi evitat id-dħul ta' kwantità daqshekk kbira ta' materjali ta' "grad għoli" flandfill". L-istudju Greisch iddikjara li l-iskart jenħtieġ li "idealment ikun disponibbli fi kwantitajiet kbar (100 000 m<sup>3</sup>), ikun faċli biex jiġi pproċessat, ħafif, reżistenti għall-ilma u reżistenti għat-tmermir".
- (74) Id-deċiżjoni li jintuża l-iskart minflok materjali primarji, bħall-blat tal-lava, ġiet sussegwentement inkluża fil-permess uniku.
- (75) Peress li l-permess uniku kien jirrikjedi li jitwettqu operazzjonijiet ta' rkupru bil-ħsieb tal-għeluq tas-settur 1, il-Kumitat Xjentifiku adotta opinjoni fit-23 ta' Ġunju 2005 li tiddetermina l-kwalitajiet tekniċi meħtieġa għall-materjali li kellhom jintużaw biex jimtela mill-għdid is-settur 1. Din l-opinjoni reġġet inħarġet fit-28 ta' Marzu 2006.
- (76) Iċ-ċertifikat ta' rkupru Nru 2005/13/73/3/4 mitlub minn Renewi jsostni li l-iskart awtorizzat għall-irkupru jrid ikollu "densità xierqa sabiex jiġi evitat inżul eċċessiv fil-massa tal-iskart u jiġu żgurati inklinazzjonijiet stabbli biex jippermettu l-iskol tal-ilma tal-maltemp". Il-fluff mhux bijodegradabbli kellu dawn il-karatteristiċi (ara l-premessa 49). Iċ-ċertifikat ta' użu datat it-18 ta' Diċembru 2008 u ċ-ċertifikati sussegwenti (ara l-premessi 51 u 52) awtorizzaw ukoll l-użu tal-fluff (mhux bijodegradabbli u kombustibbli) minħabba li kellu l-karatteristiċi tekniċi adattati għall-għeluq tas-settur 1.
- (77) F'Diċembru 2009, nota teknika dwar "Ir-restawr tas-settur 1" maħruġa mill-Kumitat Xjentifiku ssostni li l-iskart li għandu jintuża fir-restawr tas-settur 1 irid ikun fluff (jiġifieri skart tal-plastik, frazzjoni ħafifa mill-għażla u trattament minn qabel tal-iskart).

<sup>(43)</sup> Ir-Reġjun ta' Wallonia jsostni li dan l-istudju ġie inkorporat fil-permess uniku tal-2004.

- (78) Fil-11 ta' Marzu 2011, il-Kumitat Xjentifiku stabbilixxa f'opinjoni l-kunsiderazzjonijiet tekniċi preliminari relatati mar-reviżjoni tal-inklinazzjonijiet u l-profilu tal-landfills meħtieġa biex jiġi evitat is-ċediment, li kienu ġew stabbiliti abbażi ta' sħarriġiet topografiċi preċiżi mwettqa fi tmiem l-2010. Fuq din il-bażi, id-dokument ikompli jispjega li l-materjali kellhom ikunu ta' densità baxxa, mhux bijodegradabbli u reżistenti għat-tmermir (biex jiġi evitat iċ-ċediment) u permeabbli (biex jippermettu l-passaġġ tal-ilma u l-gassijiet). L-estratt rilevanti huwa riprodott hawn taħt:

"Iridu jiġu enfasizzati tliet karatteristiċi:

- (1) Id-densità. Fil-profil ikkoreġut tal-landfill, 51 % tal-erja tas-superfiċje diġà laħqet il-klassifikazzjoni finali "QABEL l-inżul". Fxi postijiet, l-inżul diġà ilu jseħħ għal xi żmien. Il-materjali l-ġodda li għandhom jiżdiedu se jikkumpattaw ukoll maż-żmien. Fil-preżent, huwa għalhekk meqjus xieraq li jiżdiedu materjali li huma ħfief kemm jista' jkun, bħall-materjali ta' rkupru, sabiex jiġi limitat is-ċediment. L-użu ta' materjali oħra, aktar tqal, bħall-iskart minn xogħlijiet ta' rimedju, ma jistax jiġi eskluż. Madankollu, jenħtieġ li wieħed iżomm f'moħħu li dawn il-materjali jirriżultaw f'aktar ċediment.
  - (2) L-istabbiltà dimensjonali. Fl-istadju kurrenti tal-mili tal-landfill, jenħtieġ li jintużaw materjali mhux bijodegradabbli sabiex jiġi evitat tip ieħor ta' ċediment li jirriżulta minn tnaqqis fil-volum.
  - (3) Il-permeabilità. Il-materjali li jintużaw jenħtieġ li jirriżultaw f'massa ta' skart li tippermetti l-passaġġ tal-ilma u tal-bijogassijiet."
- (79) Fid-dawl ta' dawn il-karatteristiċi tekniċi, u f'konformità mal-opinjonijiet suċċessivi tal-Kumitat Xjentifiku li jirriflettu l-obbligi li jinsabu fil-permess uniku, il-fluff ġie identifikat fl-opinjoni bħala t-tip ewlieni ta' skart adattat għall-operazzjoni. Ir-Reġjun ta' Wallonia jsemmi wkoll li kienu l-karatteristiċi tekniċi, stabbiliti b'mod oġġettiv fid-dawl tal-kwistjonijiet ambjentali, li wasslu għall-għażla tat-tip ta' skart li għandu jintuża u mhux bil-kontra (jiġifieri l-fluff mhux l-ewwel intgħażel u l-karatteristiċi speċifiċi tiegħu mbagħad intużaw bħala l-bażi għad-definizzjoni tal-karatteristiċi tekniċi).
- (80) Ir-Reġjun ta' Wallonia jsostni li, bil-għan li jiġu ppreservati r-riżorsi, ġie deċiż mill-bidu tal-proċess tal-għeluq tal-landfill li l-iskart jiġi ttrattat minn qabel biex jingħata funzjoni utli. Madankollu, peress li ma kien disponibbli l-ebda skart jew materjal lest għall-użu immedjat, kien meħtieġ li jiġu prodotti jew ittrattati minn qabel materjali/skart eżistenti sabiex jintużaw għal skopijiet utli.
- (81) Il-fluff għalhekk inħoloq u ġie adattat speċifikament għar-restawr tas-sit ta' Mont-Saint-Guibert.
- (82) Ir-Reġjun ta' Wallonia jindika wkoll li l-użu tal-fluff ġie analizzat bir-reqqa f'konformità mal-proċedura ta' rkupru tal-iskart stabbilita fl-Ordni dwar l-Irkupru tal-Iskart. Il-fluff inkwistjoni f'dan il-każ tqies bħala skart mhux perikoluż f'konformità mal-Ordni li tistabbilixxi klassifikazzjoni tal-iskart (ara l-premessa 53) u kull waħda mir-reġistrazzjonijiet u ċ-ċertifikati maħruġa lil Renewi. In-natura mhux perikoluża tal-iskart tqieset bħala prerekwiżit biex l-iskart jitqies xieraq għall-operazzjonijiet ta' rkupru. Għalhekk, l-Artikolu 13(1) tal-Ordni dwar l-Irkupru tal-Iskart jistipula li "[i]l-Ministru jista' jappoġġa l-irkupru ta' skart mhux perikoluż li ma huwiex elenkat fl-Anness I u l-irkupru ta' skart mhux perikoluż għajr dak previst fl-Anness I ta' dan id-digriet għal kwalunkwe persuna li tissottometti applikazzjoni għar-reġistrazzjoni f'konformità mal-proċedura stabbilita f'din l-Ordni [...]".
- (83) Skont ir-Reġjun ta' Wallonia, il-fluff għandu diversi karatteristiċi komuni mal-iskart inert. Għalhekk, ir-Reġjun ta' Wallonia kklassifikah bħala "skart mhux bijodegradabbli kompatibbli mal-iskart organiku bijodegradabbli fil-kuntest tad-depożiti fil-landfills", peress li ma huwiex probabbli li jirreaġixxi mal-iskart organiku bijodegradabbli jew jimmina l-effettività tal-irkupru tal-gassijiet (ara l-premessa 54). Skont ir-Reġjun ta' Wallonia, din l-aħħar karatteristika tal-fluff hija simili għad-definizzjoni ta' skart inert, peress li din il-karatteristika tikkonċerna wkoll skart li "ma jipproduċi l-ebda reazzjoni fiżika jew kimika oħra, ma huwiex bijodegradabbli u ma jaffettwax b'mod negattiv materja oħra li magħha jiġi f'kontatt b'mod li jista' jwassal għal tniġġis ambjentali jew jagħmel ħsara lis-saħħa tal-bniedem." <sup>(44)</sup>.

<sup>(44)</sup> Ara d-definizzjoni ta' skart inert fid-Direttiva dwar il-Landfills, l-Artikolu 2(e) u d-Digriet dwar l-Iskart, l-Artikolu 2(6).

- (84) Ir-Reġjun ta' Wallonia jirrimarka wkoll li, f'konformità mal-Artikolu 23 tad-Direttiva dwar l-Iskart, kwalunkwe stabbiliment li jinċinera l-iskart sabiex jirkupra l-enerġija jrid jiżgura li l-operazzjonijiet ta' rkupru jitwettqu b'"livell għoli ta' effiċjenza enerġetika". F'dan ir-rigward, l-awtoritajiet ta' Wallonia jirrimarkaw li l-valur kalorifiku tal-fluff huwa għoli wisq (14 000 kJ/kg, filwaqt li l-fjuwils derivati mill-iskart għandhom valur kalorifiku ta' bejn 10,5 u 11,5 kJ/kg) biex jinharq f'inċineraturi u kalkari tas-siment, u għalhekk kien ikun impossibbli li jinharq għal skopijiet ta' rkupru tal-enerġija. Ir-Reġjun ta' Wallonia jsostni wkoll li l-ġerarkija tal-iskart ma timponi l-ebda ordni ta' prijorità bejn l-operazzjonijiet ta' rkupru tal-enerġija u l-operazzjonijiet ta' rkupru ta' materjali.
- (85) Fir-rigward tal-iskart goff imfarrak użat fil-perjodu minn Frar 2009 sa Diċembru 2009, ir-Reġjun ta' Wallonia jsostni li dan kellu l-karatteristiċi tekniċi kollha meħtieġa, peress li għandu densità baxxa (0,6 tunnelli/m<sup>3</sup> wara l-ikkompattar), ma huwiex bijodegradabbli u huwa reżistenti għat-tmermir (u b'hekk jipprevjeni ċ-ċediment u ma jippreżenta l-ebda riskju li jikkawża reazzjonijiet ta' degradazzjoni tal-iskart), huwa permeabbli (u b'hekk jippermetti l-passaġġ tal-ilma u l-gassijiet) u jista' jiġi pprovdut u mfarrak fi kwantitajiet suffiċjenti. L-iskart goff imfarrak għalhekk tqies bħala teknikament adattat.

### 3.3. Materjali oħra disponibbli fiż-żmien tal-operazzjoni

- (86) Skont ir-Reġjun ta' Wallonia, id-deċiżjoni li jintuża l-iskart minflok materjali primarji sabiex jiġu ppreservati r-riżorsi naturali, madankollu, ma tfissirx li ma kienx hemm alternattivi reali għall-użu tal-iskart għar-restawr tas-sit. L-eżistenza ta' soluzzjonijiet alternattivi għalhekk tagħmilha possibbli li jiġi ddeterminat jekk il-fluff u l-iskart goff imfarrak intużawx għal skopijiet utli jew le, u jekk ir-restawr tas-sit kienx isir fi kwalunkwe każ, irrispettivament mid-disponibbiltà ta' skart xieraq fi kwantitajiet suffiċjenti.
- (87) Ir-Reġjun ta' Wallonia jispjega fl-osservazzjonijiet tiegħu tat-3 ta' Mejju 2021 li, peress li skart xieraq (f'termini ta' densità, nuqqas ta' bijodegradabbiltà, reżistenza għat-tmermir u permeabilità) kien disponibbli fi kwantitajiet suffiċjenti għar-restawr tal-landfill matul il-perjodu kollu (prinċipalment fluff u skart goff imfarrak), ir-Reġjun ta' Wallonia ma kellux għalfejn jindirizza l-mistoqsija ta' liema materja prima kellha tintuża bħala alternattiva għall-iskart. Madankollu, ir-Reġjun ta' Wallonia jsostni li kieku qamet mistoqsija bħal din, materjali alternattivi kienu jkunu disponibbli fi kwantitajiet suffiċjenti għar-restawr tal-landfill kollha kemm hi mill-bidu tax-xogħlijiet ta' restawr fi Frar 2009. Ir-Reġjun ta' Wallonia jqis li, f'dan il-każ, l-Argex (materjal primarju li jikkonsisti minn granijiet ħfief ta' tafal espandut, prodott minn tafal naturali mhux ipproċessat li mbagħad jiġi pproċessat) u diversi tipi ta' fowm (fowm tal-poliuretan, blokk tal-polistiren espandut jew fowms tal-mili) kienu, fid-dawl tal-karatteristiċi tekniċi tagħhom, perfettament adattati għar-restawr tal-landfill, inkluż il-ħolqien tal-koppla. Dawn il-materjali kienu wkoll disponibbli fi kwantitajiet suffiċjenti fis-suq. Fir-rigward b'mod partikolari tal-Argex, ir-Reġjun ta' Wallonia jsostni li l-Belġju għandu kapaċità sinifikanti ta' produzzjoni fir-reġjun ta' Antwerp ta' madwar 450 000 m<sup>3</sup> fis-sena. Fid-dawl tal-kwantitajiet meħtieġa għar-restawr tal-landfill (stmati fl-2003 għal madwar 100 000 m<sup>3</sup> fis-sena, imnaqsa għal 80 000 m<sup>3</sup> u mbagħad għal 70 000 m<sup>3</sup> fi tmiem ix-xogħlijiet), ir-Reġjun iqis li Renewi setgħet użat dan il-materjal minflok il-fluff għar-restawr u l-għeluq tas-sit.
- (88) Barra minn hekk, ir-Reġjun ta' Wallonia jispjega li materjal primarju alternattiv ieħor, jiġifieri l-blat tal-lava (*pozzolana*), kien ikun ukoll adattat u disponibbli fi kwantitajiet suffiċjenti <sup>(45)</sup> bħala ġebbla naturali għar-restawr tal-landfill. Skont ir-Reġjun, il-*pozzolana* hija materjal simili għall-Argex li spiss jintuża għal skopijiet simili (eż. kostruzzjoni ta' bini, xogħlijiet ta' ġonna, radam mill-ġdid).
- (89) Ir-Reġjun isostni li, minħabba l-karatteristiċi tekniċi tiegħu, il-blat tal-lava (*pozzolana*) jikkonforma mar-rekwiżiti speċifiċi għar-restawr tal-landfill (b'mod partikolari d-densità baxxa tiegħu, in-nuqqas ta' bijodegradabbiltà, ir-reżistenza għat-tmermir u l-permeabilità) u seta' kien alternattiva għall-użu tal-fluff kieku dan ma kienx disponibbli fi kwantitajiet suffiċjenti. Barra minn hekk, ir-Reġjun isostni li l-blat tal-lava seta' jintuża bħala alternattiva għall-iskart goff imfarrak għall-operazzjonijiet fil-landfill, kieku dan tal-aħħar ma kienx disponibbli fi kwantitajiet suffiċjenti.

<sup>(45)</sup> Skont ir-Reġjun ta' Wallonia, il-blat tal-lava (*pozzolana*) seta' jiġi importat minn Franza u mill-Italja, fejn dan il-materjal jiġi prodott fi kwantitajiet sinifikanti. Skont l-informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet ta' Wallonia, Franza għandha kapaċità ta' produzzjoni annwali ta' 700 000 tunnelli. Peress li l-blat tal-lava (*pozzolana*) u l-fluff għandhom densità komparabbli, ir-rekwiżiti stmati ta' Renewi jammontaw għal total ta' 651 979 tunnelli fuq 10 snin, li huwa ferm anqas mill-kapaċità ta' produzzjoni Franċiża, mingħajr ma tingħadd l-ebda provvista mill-Italja.

#### 4. KUMMENTI MINN RENEWI

- (90) Skont Renewi, il-kundizzjonijiet għall-klassifikazzjoni ta' miżura bħala għajnuna mill-Istat, jiġifieri l-eżistenza ta' vantaġġ u n-natura selettiva tal-miżura, ma humiex preżenti f'dan il-każ.
- (91) Fir-rigward tal-ewwel punt, Renewi tqis li l-applikazzjoni tar-rata mnaqqsa tat-taxxa prevista mil-leġiżlazzjoni ta' Wallonia għall-operazzjonijiet ta' rkupru ma tistax tikkostitwixxi tnaqqis mhux dovut tal-piż tat-taxxa tagħha, minħabba li l-użu tal-fluff sabiex jingħalaq is-sit jikkorrispondi għall-kriterji ta' rkupru stabbiliti mil-leġiżlazzjoni tal-UE u ta' Wallonia (ara t-Taqsima 4.1). Renewi għalhekk tirrimarka li l-fluff għandu l-karatteristiċi tekniċi meħtieġa għal dan it-tip ta' operazzjoni, u li l-użu ta' dan it-tip ta' skart għamilha possibbli li jiġi evitat l-użu ta' materjali primarji, bil-għan li jiġu ppreservati r-riżorsi naturali (ara t-Taqsima 4.3).
- (92) Fir-rigward tan-nuqqas ta' selettività, Renewi tqis li r-reġistrazzjonijiet u ċ-ċertifikati ta' rkupru mogħtija lilha ma ngħatawx b'mod diskrezzjonali iżda ngħataw wara verifiki li l-operazzjoni inkwistjoni kienet konformi mad-definizzjoni ta' "irkupru" li tinsab fid-digriet fiskali. Renewi tinnota wkoll li l-applikazzjoni ta' rati differenti ta' tassazzjoni għall-operazzjonijiet ta' rkupru u ta' rimi kienet parti minn skema ġenerali li hija valida għall-kumpaniji kollha li jissodisfaw il-kriterji għat-tipi differenti ta' operazzjonijiet (ara t-Taqsima 4.2).

#### 4.1. It-tħaddim tal-landfill u d-deċizzjoni ta' għeluq

- (93) Fil-kummenti tagħha, Renewi ssostni li hija ssottomettiet applikazzjoni għal permess uniku fl-2003 bil-għan li tiffirma l-landfill bi gradjenti ta' inklinazzjoni ta' mill-anqas 3 % wara l-inżul biex is-sit ikun jista' jiġi restawrat wara l-għeluq billi jiġi żgurat il-ġbir tal-ilma tal-maltemp u tal-bijogass. Dik l-applikazzjoni rriżultat fil-ħruġ tal-permess tat-18 ta' Diċembru 2003, issostitwit bl-Ordni Ministerjali tal-10 ta' Mejju 2004 li tistabbilixxi l-kundizzjonijiet għat-tħaddim u l-għeluq tal-landfill ta' Mont-Saint-Guibert.
- (94) Renewi kisbet diversi reġistrazzjonijiet u ċertifikati ta' rkupru relatati mit-30 ta' Novembru 2005 (ara l-premessi 49 sa 52) għall-irkupru tal-fluff u tal-iskart goff imfarrak.
- (95) Renewi tispjega li mill-bidu tat-tħaddim tal-landfill, awtorizzat bil-permess uniku fl-2004, il-kwantitajiet ta' skart mormi fil-landfill ta' Mont-Saint-Guibert tnaqqsu b'mod sinifikanti bħala riżultat tal-projbizzjonijiet suċċessivi fuq ir-rimi ta' ċertu skart fil-landfill bid-digriet tal-Gvern ta' Wallonia tat-18 ta' Marzu 2004 <sup>(46)</sup>. Dan irriżulta fi tnaqqis fil-kwantitajiet ta' skart mormi, minn 223 000 tonnellata fl-2009 għal madwar 11 000 tonnellata fl-2010, b'mod partikolari bħala riżultat tal-projbizzjoni fuq id-depożitu ta' skart domestiku goff imfarrak u skart organiku bijodegradabbli fil-landfill mill-1 ta' Jannar 2010 <sup>(47)</sup>. Din il-projbizzjoni hija konsegwenza tat-traspożizzjoni tad-Direttiva dwar ir-rimi ta' skart f'landfills.
- (96) Fid-dawl tat-tnaqqis fl-ammont ta' skart li seta' jintrema fil-landfill, sar evidenti li l-mili tagħha (sa Novembru 2014) ma setax jibqa' jiġi żgurat fil-perjodu inizjalment previst mill-permess uniku <sup>(48)</sup>. Wara proċess ta' konsultazzjoni mwettaq lejn l-aħħar tal-2010 u l-bidu tal-2011, ġie deċiż li l-operazzjonijiet fil-landfill jintemmu sal-iskadenza skedata u li wieħed jipproċedi bil-proċedura ta' għeluq imsemmija fl-Artikolu 18(5), f'konformità mal-kundizzjonijiet speċifiċi tal-permess uniku.

<sup>(46)</sup> Ara n-nota 39 f'qiegħ il-paġna.

<sup>(47)</sup> Id-Digriet tal-Gvern ta' Wallonia tat-18 ta' Marzu 2004, ċitat fin-nota 37 f'qiegħ il-paġna, l-Artikolu 2(7).

<sup>(48)</sup> Renewi tirrimarka li b'mod parallel ma' dan it-tnaqqis regolatorju sinifikanti fit-tipi ta' skart awtorizzat għar-rimi fil-landfills, il-permess uniku żied il-volum massimu ta' skart permess fil-landfill ta' Mont-Saint-Guibert. Din iż-żieda rriżultat mill-adozzjoni tal-Ordni tas-27 ta' Frar 2003 dwar il-kundizzjonijiet operattivi settorjali tal-landfills, li timponi r-restawr tas-siti kollha tal-landfills fil-forma ta' koppla biex jiġi żgurat gradjent minimu ta' inklinazzjoni ta' 3 % wara l-inżul sabiex jiġi kkawżat il-fluss bil-gravità tal-ilma tal-maltemp lejn il-gandotti madwar il-landfill, u kienet tfisser li kien saħansitra aktar diffiċli għal Renewi li timla l-landfill tagħha f'konformità mar-rekwiżiti li jinsabu fil-permess uniku u sal-iskadenza skedata.

- (97) Barra minn hekk, Renewi tisħaq li, qabel id-deċiżjoni li jintemmu l-operazzjonijiet fil-landfill, il-Kumitat Xjentifiku ġie mitlub jeżamina jekk kienx possibbli li jitnaqqas il-volum ta' skart li kien meħtieġ mal-għeluq tal-landfill, sabiex il-landfill tkun tista' tingħalaq kif kienet. Madankollu, skont Renewi, f'rapport tal-11 ta' Marzu 2011, il-Kumitat Xjentifiku stima li l-ammont residwu ta' skart li kien fadal biex jiġi pproċessat fi tmiem l-2010 seta' jitnaqqas biss b'76 401 m<sup>3</sup>. Ir-rapport iġġustifika dan il-kalkolu abbażi tad-diffikultà biex jinbidel il-profil tal-landfill ta' Mont-Saint-Guibert, peress li l-erja tas-superfiċje finali tagħha, definita fl-2003, kienet diġà qrib kemm jista' jkun tar-rekwiżiti biex jintlaħqu l-kriterji minimi (3 %) u massimi (14 %) tal-gradjent.
- (98) B'kont meħud tal-flussi ta' skart li Renewi kienet indikat li setgħet tipproċessa minn naħa, u l-istudji dwar it-tip ta' materjal li kellu jintuża għall-għeluq tas-sit u d-dispożizzjonijiet tal-permess uniku min-naħa l-oħra, il-Kumitat Xjentifiku qies fl-opinjoni tiegħu tal-11 ta' Marzu 2011 li l-iskart li seta' jitpoġġa fil-post matul il-proċedura ta' għeluq bil-għan li jiġi restawrat is-sit kien primarjament fluff.
- (99) Abbażi tal-opinjoni tal-Kumitat Xjentifiku u f'konformità mal-kundizzjonijiet li jinsabu fil-permess uniku, b'segwitu għall-proċedura ta' għeluq li kienet diġà bdiet għas-settur 1, fl-4 ta' Novembru 2011 il-Ministru għall-Ambjent ħareġ lil Renewi r-reġistrazzjoni Nru 2011/13/132/3/4 u ċ-ċertifikat ta' rkupru relatat, li awtorizza l-irkupru tal-fluff għal perjodu ta' 5 snin, bħala parti mill-għeluq tal-landfill kollha ta' Mont-Saint-Guibert.
- (100) Fis-6 ta' Diċembru 2013, il-Kumitat Xjentifiku tenna l-opinjoni tiegħu tal-2011, filwaqt li insista li, "l-unika soluzzjoni teknika aċċettabbli hija l-għeluq tal-landfill billi jintuża materjal b'karatteristiċi tekniċi identiċi — b'mod partikolari f'termini ta' densità — bħall-fluff. Kwalunkwe soluzzjoni alternattiva tinvolvi l-posponiment tal-għeluq tal-landfill għal perjodu fit-tul, u wkoll it-titwil tal-fażi tal-kura ta' wara". Fid-dawl ta' dik l-opinjoni tal-Kumitat Xjentifiku, fit-18 ta' Awwissu 2015 inħarġu reġistrazzjoni u ċertifikat ta' użu għdid Nru 2015/13/223/3/4.
- (101) Renewi tisħaq li ċ-ċertifikati ta' użu kollha kienu jirrikjedu li jitwettqu testijiet tal-kwalità biex tiġi vverifikata l-konformità ma' dawn ir-rekwiżiti. B'dan il-mod, il-konformità tal-fluff mar-rekwiżiti tar-reġistrazzjonijiet u ta' ċertifikati ta' rkupru kienet soġġetta għal verifika. Renewi għalhekk tikkontesta l-argument imressaq mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni tal-ftuħ tagħha li r-reġistrazzjonijiet u ċ-ċertifikati ma jippermettux li jsiru verifiki ta' x'jikkostitwixxi fluff u x'karatteristiċi huwa meħtieġ li jkollu.

#### 4.2. Applikazzjoni korretta tad-Digriet Fiskali u tal-Ordni dwar l-Irkupru mill-Ministru

- (102) Renewi ssostni li d-Digriet Fiskali jipprevedi rata mnaqqa tat-taxxa applikabbli għall-operazzjonijiet ta' rkupru tal-iskart fil-landfills għal kwalunkwe kumpanija tat-trattament tal-iskart li twettaq tali operazzjonijiet.
- (103) L-Artikolu 6(1)(12) (li qabel kien 6(1)(11)) tad-Digriet Fiskali jistipula li rata ta' EUR 0/tunnellata, għall-perjodu 2005-2015, u ta' EUR 20/tunnellata, għall-perjodu mill-2015 'il quddiem, hija applikabbli għal "l-użu ta' skart rekuperabbli fil-landfill bħala sostituti għal prodotti jew tagħmir meħtieġa għat-tħaddim u r-restawr tal-landfill, inkluża l-kura ta' wara, f'konformità mal-permess operattiv jew mal-permess ambjentali".
- (104) Skont Renewi, dan l-Artikolu jistabbilixxi sensiela ta' kriterji oġġettivi u definiti minn qabel li skonthom kwalunkwe kumpanija li (1) tuża skart rekuperabbli fil-landfill (2) bħala sostitut għal prodotti jew tagħmir (3) meħtieġa għat-tħaddim u r-restawr tal-landfill, inkluża l-kura ta' wara (4) f'konformità mal-permess operattiv jew il-permess ambjentali tal-landfill, tista' tibbenefika mir-rata mnaqqa tat-taxxa applikabbli għall-operazzjonijiet ta' rkupru. L-Anness 1 tal-Ordni dwar l-Irkupru jistabbilixxi lista ta' skart awtomatikament meqjus bħala rekuperabbli. Renewi tenfasizza, madankollu, li l-Anness 1 ma huwiex eżawrjenti peress li huwa impossibbli, *a priori*, li titfassal lista eżawrjenti tal-iskart kollu li jista' jiġi rkuprat. Renewi ssostni wkoll li l-Artikolu 13 tal-Ordni dwar l-Irkupru jipprevedi l-possibbiltà li l-Ministru jawtorizza, permezz ta' reġistrazzjonijiet u ċertifikati, l-irkupru ta' skart ieħor mhux perikoluż li ma huwiex elenkat fl-Anness 1. Skont Renewi, dan l-iskart, awtorizzat mill-Ministru, jista' għalhekk jitqies bħala "rekuperabbli" skont it-tifsira tal-Artikolu 6(l)(12) (li qabel kien 11) tad-Digriet Fiskali tal-2007.

- (105) Renewi tirrimarka li meta jinħarġu r-reġistrazzjonijiet u ċ-ċertifikati, id-deċiżjoni tal-Ministru tkun ċirkoskritta mid-diversi digriet i u ordnijiet applikabbli u minn sensiela ta' deċiżjonijiet u analiżijiet imwettqa qabel li jillimitaw b'mod strett is-setgħa deċiżjonali tagħhom.
- (106) Renewi għalhekk tirrimarka li l-Ministru kellu jivverifika li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 3 u 6 tal-Ordni dwar l-Irkupru kienu ġew irrispettati. Id-deċiżjoni tagħha ttehdet skont l-Artikolu 13 tal-Ordni dwar l-Irkupru, li jistipula li "Il-Ministru jista' jappoġġa l-irkupru ta' skart mhux perikoluż li ma huwiex elenkat fl-Anness I u l-irkupru ta' skart mhux perikoluż għajr dak previst fl-Anness I ta' dan id-digriet għal kwalunkwe persuna li tissottometti applikazzjoni għar-reġistrazzjoni f'konformità mal-proċedura stabbilita f'dan id-digriet. Din ir-reġistrazzjoni hija eżentata mill-awtorizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 11(1) tad-digriet tas-27 ta' Ġunju 1996 dwar l-iskart".
- (107) F'dan ir-rigward, Renewi tirrimarka li l-Kummissjoni, fl-Avviż tagħha dwar il-kunċett ta' għajnuna mill-Istat <sup>(49)</sup>, tqis li "il-fatt li ħelsien mit-taxxa jeħtieġ awtorizzazzjoni amministrattiva minn qabel ma jfissirx awtomatikament li dan jikkostitwixxi miżura selettiva. Dan ma huwiex il-każ li awtorizzazzjoni amministrattiva minn qabel tkun ibbażata fuq kriterji oġġettivi, mhux diskriminatorji li jkunu magħrufa bil-quddiem, b'hekk tiċċirkoskrivi l-eżerċizzju tad-diskrezzjoni tal-amministrazzjonijiet pubbliċi. Tali skema ta' awtorizzazzjoni amministrattiva trid tkun ukoll ibbażata fuq sistema proċedurali li tkun faċilment aċċessibbli u li tkun tista' tiżgura li talba għall-awtorizzazzjoni tiġi ttrattata b'mod oġġettiv u imparzjali fi żmien raġonevoli u rifjut biex tingħata awtorizzazzjoni jrid ikun jista' jiġi kkontestat fi proċedimenti gudiżzarji jew kważi gudiżzarji".
- (108) Sa fejn, fl-adozzjoni ta' dik id-deċiżjoni, il-Ministru kien marbut bid-diversi regoli applikabbli skont il-liġi ta' Wallonia u kellu diskrezzjoni biss fir-rigward tat-tip ta' skart awtorizzat għall-irkupru, u billi din id-diskrezzjoni kienet ċirkoskritta minn studji u kriterji xjentifiċi predefiniti, oġġettivi u mhux diskriminatorji, il-ħtieġa li tinkiseb awtorizzazzjoni amministrattiva sabiex wieħed jibbenefika mir-rata tat-taxxa applikabbli għall-operazzjonijiet ta' rkupru ma kinitx f'fisser li l-miżuri ta' awtorizzazzjoni kienu selettivi.
- (109) Renewi tirrimarka wkoll li hija kellha tissottometti applikazzjonijiet lill-Ministru flimkien ma' "id-dokumenti kollha meħtieġa biex jiġu aċċertati ċ-ċirkostanzi tal-produzzjoni, il-karatteristiċi tal-iskart u l-metodi ta' użu kkonċernati". Is-sottomissjoni ta' dawn l-applikazzjonijiet, bħall-applikazzjonijiet kollha għall-awtorizzazzjoni għas-sit ta' Mont-Saint-Guibert, kienet iggwidata mill-opinjonijiet tal-Kumitat Xjentifiku, magħmul minn esperti indipendenti. B'mod speċifiku, dawn l-opinjonijiet jipprovdu qafas għall-applikazzjonijiet għad-deċiżjonijiet ta' awtorizzazzjoni u ta' għoti mill-Ministru sabiex jiġi żgurat li dawn jikkonformaw mill-qrib kemm jista' jkun mar-riżultati tal-valutazzjonijiet tal-impatt u ambjentali mwettqa, fid-dawl tad-diffikultajiet ġeotekniċi ppreżentati mis-sit. Għalhekk dejjem kien abbażi ta' dawn id-diversi sorsi ta' informazzjoni, u b'mod speċifiku l-opinjonijiet tal-Kumitat Xjentifiku tat-23 ta' Ġunju 2005, tat-28 ta' Marzu 2006, tal-11 ta' Marzu 2011 u tas-6 ta' Diċembru 2013, ipprovduti fil-fajls tal-applikazzjoni, li l-Ministru ħareġ ir-reġistrazzjonijiet u ċ-ċertifikati ta' rkupru.
- (110) Barra minn hekk, daww id-deċiżjonijiet ta' awtorizzazzjoni kollha fihom "Manwal għall-Utent" li jiddeskrivi ċ-ċirkostanzi, il-karatteristiċi u l-metodi ta' użu tal-iskart awtorizzat għall-irkupru. Fl-aħħar nett, iċ-ċertifikati kollha ta' użu jipprevedu li jridu jitwettqu testijiet tal-kwalità fuq l-iskart awtorizzat għall-irkupru sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-karatteristiċi meħtieġa.
- (111) Renewi għalhekk tqis li r-reġistrazzjonijiet u ċ-ċertifikati ngħataw f'konformità mar-regoli applikabbli u li l-Ministru ma kellu l-ebda setgħa diskrezzjonali. Għalhekk, Renewi ssostni li l-miżuri inkwistjoni ma jikkostitwux miżuri individwali iżda pjuttost huma miżuri adottati skont skema ġenerali, li s-selettività tagħha ma tistax tiġi sempliċement preżunta u trid tiġi ppruvata.

<sup>(49)</sup> L-Avviż tal-Kummissjoni dwar il-kunċett ta' għajnuna mill-Istat kif imsemmi fl-Artikolu 107(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU C 262, 19.7.2016, p. 1).

- (112) Fl-aħħar nett, Renewi tirreferi għall-eżempju ta' BEP Environnement, li ngħatat reġistrazzjoni fl-2008, skont l-Artikolu 13 tal-Ordni dwar l-Irkupru, li jippermettilha twestaq operazzjonijiet għall-irkupru ta' "skart imfarrak, goff u mhux perikoluż" fis-sit tagħha fil-landfill ta' Happe-Chapois, bil-għan li twestaq ix-xogħol meħtieġ sabiex tinstalla b'mod permanenti l-koppla prevista fil-permess operattiv tagħha. Fid-dawl tal-ħtieġa ta' koppla ta' ċertu għoli sabiex jinkiseb gradjent ta' inklinazzjoni residwa medju ta' mill-anqas 3 %, u l-fatt li kien impossibbli għall-operatur li jilħaq il-livell meħtieġ matul l-operazzjonijiet minħabba d-dħul fis-seħħ tad-digriet tal-Gvern ta' Wallonia tat-18 ta' Marzu 2004 li jipprojbixxi t-tqegħid ta' ċertu skart fil-landfills, il-Ministru ta' Wallonia ħareġ ir-reġistrazzjoni meħtieġa lil BEP Environnement biex tibda l-operazzjonijiet ta' rkupru bil-għan li jiġi restawrat is-sit.

#### 4.3. Ir-raġunijiet li għalihom Renewi użat prinċipalment fluff għall-operazzjoni tal-mili

- (113) Renewi tosserva li l-istudji mwettqa bil-għan li jingħata l-permess operattiv għal-landfill ta' Mont-Saint-Guibert kienu jinkludu l-kunsiderazzjoni speċifika tal-possibbiltà li jintużaw "materjali ta' grad għoli" għal operazzjonijiet ta' rimi f'landfill imwettqa fil-kuntest tal-proċedura ta' għeluq tas-sit, skont it-tifsira tal-Artikolu 13 tad-Direttiva dwar ir-rimi ta' skart f'landfills. Madankollu, din il-possibbiltà kienet ġiet skartata sabiex jiġu kkonservati l-materjali primarji billi jintuża l-iskart minflok. Skont Renewi, il-possibbiltà li tinholq il-koppla bl-użu ta' materjali għajr l-iskart kienet tqajmet, iżda ġiet skartata malajr ħafna minħabba li kien ovvju li l-materjali jinħlew bħala riżultat. Renewi tqis li l-għan tal-operazzjonijiet ma kienx li jiġi sostitwit tip ta' skart b'ieħor peress li, ladarba skada l-permess uniku, l-iskart ma baqax permess li jidħol fil-landfill għar-rimi. Renewi ssostni li l-iskart irkuprat fil-landfill issostitwixxa materjali ta' grad għoli — li kien ikollhom jintużaw minflok l-iskart — pjuttost milli tipi oħra ta' skart, li dak iż-żmien kienu pprojbiti milli jidħlu fis-sit tal-landfill. Għalhekk, il-kundizzjoni relatata mas-sostituzzjoni ta' materjali sabiex jiġu kkonservati r-riżorsi naturali, li hija meqjusa essenzjali għall-operazzjonijiet ta' rkupru skont id-dritt tal-UE, hija ssodisfata b'mod ċar f'dan il-każ.
- (114) Renewi ssostni li l-fluff intgħażel bħala l-materjal ewlieni għall-mili tal-landfill (minbarra l-iskart goff imfarrak, fuq bażi residwa, kif spjegat fit-Taqsimiet 3.1 u 3.2) mill-Kumitat Xjentifiku għal raġunijiet tekniċi relatati mal-għanijiet ambjentali tal-permess uniku, u minħabba d-disponibbiltà tiegħu fi kwantitajiet suffiċjenti, id-densità u l-permeabilità tiegħu.
- (115) Bħala tali, il-fluff intuża biex jiġi żgurat li l-koppla jkollha l-għoli u l-gradjent ta' inklinazzjoni meħtieġa. Dan l-iskart kellu karatteristiċi speċifiċi li jippermettulu jilħaq dak l-oġettiv: (i) densità baxxa ħafna (0,4 tunnelli/m<sup>3</sup> fil-punt li ġie depożitat fil-landfill, u 0,6 tunnelli/m<sup>3</sup> wara l-inżul); (ii) in-nuqqas ta' bijodegradabbiltà u l-ebda riskju li jinħolqu reazzjonijiet ta' degradazzjoni tal-iskart u (iii) il-permeabilità.
- (116) Renewi tirrimarka wkoll li l-irkupru ta' materjali, li huwa rikonoxxut bħala metodu ta' rkupru tal-iskart fih innifsu, tqies fil-permess uniku u, upstream, fid-Digriet Fiskali, bħala l-aktar soluzzjoni favorevoli għall-ambjent sabiex jitlesta r-restawr meħtieġ tal-landfill.
- (117) Skont Renewi, il-fluff kombustibbli u mhux bijodegradabbli inkwistjoni ma kienx adattat għall-inċinerazzjoni jew bħala fjuwil f'kalkara tas-siment u għalhekk ma setax jiġi inċinerat għall-produzzjoni tal-enerġija (ara l-premessa (54)). Fir-rigward tal-ftit inċineraturi oħra li setgħu kienu lesti jaċċettaw ċertu ammont (limitat) ta' fluff b'NCV daqshekk għoli, l-ebda wieħed minnhom ma seta' jkun alternattiva valida għal raġunijiet, pereżempju, relatati mal-kompożizzjoni tal-kloru tal-fluff inkwistjoni jew minħabba d-distanza bejn daww l-inċineraturi u s-sit tal-produzzjoni tal-fluff.
- (118) Renewi tirrimarka wkoll li l-fluff għandu NCV li huwa baxx wisq biex jidħol f'kalkara tas-siment. Dan għaliex, sabiex jiġi aċċettat f'kalkara tas-siment, l-iskart ġeneralment irid ikollu NCV ta' madwar 17 000-18 000 kJ/kg.



- (119) Barra minn hekk, peress li l-fluff użat fis-sit ta' Mont-Saint-Guibert ma huwiex maħsub biex jinharq f'inċineratur jew f'kalkara tas-siment, dan ma jgħaddi mill-ebda trattament minn qabel relatat mal-kompożizzjoni tal-kloru tiegħu. Madankollu, sabiex jikkonformaw mal-obbligi ambjentali imposti fuqhom — b'mod partikolari fir-rigward tal-ammont ta' kloru fid-dħaħen rilaxxati mill-inċineraturi jew mill-kalkari tas-siment — dawn it-tipi ta' faċilitajiet jistabbilixxu livelli massimi ta' kontenut ta' kloru li 'l fuq minnhom l-iskart ma jgħix aċċettat. Dawn il-livelli huma ġeneralment stabbiliti għal madwar 0,8-1 %. Dan il-livell massimu ta' kontenut ta' kloru jista' jinkiseb biss billi l-iskart jiġi soġġett għal trattament minn qabel speċifiku għal dan il-għan. Peress li dan ma huwiex il-każ għall-fluff irkuprat fil-landfill ta' Mont-Saint-Guibert, Renewi ssostni li dan ma setax jiddaħħal f'inċineratur jew f'kalkara tas-siment, kuntrarju għall-allegazzjoni tal-ilmentatur. Renewi għalhekk tikkonkludi li l-fluff ma setax jintuża għall-irkupru tal-enerġija u li ma hemm l-ebda użu alternattiv għall-fluff li jkun aktar konformi mal-ġerarkija tal-iskart.

## 5. VALUTAZZJONI TAL-ALLEGATA MIŻURA TA' GĦAJNUNA

### 5.1. Assenza ta' għajnuna

- (120) L-Artikolu 107(1) tat-TFUE jistipula li “kull għajnuna, ta' kwalunkwe forma, mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi tal-Istat, li twassal għal distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni għall-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew ċerti produttori għandha, safejn tolgot il-kummerċ bejn l-Istati Membri, tkun inkompatibbli mas-suq intern.” Sabiex miżura tiġi kklassifikata bħala għajnuna skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE, iridu jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha stabbiliti f'dik id-dispożizzjoni <sup>(50)</sup>.

#### 5.1.1. Ir-riżorsi tal-Istat u l-imputabbiltà lill-Istat

- (121) Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, huma biss il-vantaġġi mogħtija direttament jew indirettament permezz ta' riżorsi tal-Istat li jistgħu jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE. Barra minn hekk, dawn il-vantaġġi jridu jkunu imputabbli lill-Istat.
- (122) F'dan il-każ, it-trasferiment ta' riżorsi tal-Istat jieħu l-forma ta' telf ta' dħul mit-taxxa sa fejn iċ-ċertifikati ta' użu mogħtija, allegatament b'mod żbaljat, mill-awtoritajiet ta' Wallonia ippermettew lil Renewi tibbenefika minn rata mnaqqsa tat-taxxa reġionali fuq id-depożitu ta' skart f'landfill minflok ir-rata sħiħa normalment applikabbli.
- (123) Huwa meħtieġ li jiġi ddeterminat jekk il-miżura inkwistjoni hijiex imputabbli lill-Istat Membru.
- (124) Skont il-ġurisprudenza, sabiex jiġi vvalutat jekk miżura hijiex imputabbli lill-Istat, jeħtieġ li jiġi eżaminat jekk l-awtoritajiet pubbliċi kinux involuti fl-adozzjoni ta' dik il-miżura <sup>(51)</sup>.
- (125) L-ewwel nett, jenħtieġ li jiġi nnotat li d-Digriet Fiskali huwa att adottat mill-awtoritajiet ta' Wallonia, kif inhu l-għoti tat-tnaqqis fit-taxxa. Bl-istess mod, ir-reġistrazzjonijiet suċċessivi għall-irkupru u l-għoti taċ-ċertifikati ta' użu relatati lil Renewi huma bbażati fuq deċiżjoni tal-Ministru għall-Ambjent ta' Wallonia. Għalhekk, irid jitqies li l-miżura inkwistjoni hija imputabbli lill-Istat.
- (126) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tqis li l-miżura x'aktarx li ċaħħdet lill-Istat minn riżorsi tal-Istat u li l-miżuri huma imputabbli lill-Istat.

#### 5.1.2. Nuqqas ta' vantaġġ

- (127) Skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti, miżuri li, tkun xi tkun il-forma tagħhom, x'aktarx li jiffavorixxu direttament jew indirettament lil ċerti impriżi, jew li għandhom jitqiesu bħala vantaġġ ekonomiku li l-impriża beneficijarja ma kinitx tikseb f'kundizzjonijiet normali tas-suq, huma kkunsidrati bħala għajnuna mill-Istat <sup>(52)</sup>.

<sup>(50)</sup> Ara s-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-2 ta' Settembru 2010, *Il-Kummissjoni vs Deutsche Post*, C-399/08 P, ECLI:EU:C:2010:481, il-punt 38 u l-ġurisprudenza ċċitata.

<sup>(51)</sup> Ara s-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-19 ta' Diċembru 2013, *Association Vent De Colère! et*, C-262/12, ECLI:EU:C:2013:851, il-punti 17 u 18.

<sup>(52)</sup> Ara s-Sentenza ċċitata fin-nota 42 f'qiegħ il-paġna, il-punt 40 u l-ġurisprudenza ċċitata; is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-9 ta' Ottubru 2014, *Navantia, S.A.*, C-522/13, ECLI:EU:C:2014:2262, il-punt 21.

- (128) Dan il-kunċett ta' vantaġġ ekonomiku jinkludi tnaqqis fil-piż normali tat-taxxa li jaffettwa l-baġit ta' impriża. Min-naħa l-oħra, deċiżjoni fiskali ma tagħti l-ebda vantaġġ jekk il-kontribwent iħallas it-taxxi li normalment ikunu dovuti skont l-applikazzjoni korretta tar-regoli (nazżjonali u internazzjonali) inkwistjoni.
- (129) Id-Digriet Fiskali Reġjonali ta' Wallonia tal-2007 jipprevedi taxxi differenti għar-rimi ta' skart f'landfills, skont il-metodu tat-trattament tal-iskart li jintuża. L-irkupru tal-iskart għalhekk huwa soġġett għal rata ta' tassazzjoni aktar favorevoli minn metodi ta' trattament li huma aktar ta' ħsara għall-ambjent u għas-saħħa pubblika, bħar-rimi tal-iskart.
- (130) Sabiex jiġi deċiż jekk ingħatax vantaġġ lil Renewi bħala riżultat tal-applikazzjoni ta' dik ir-rata mnaqqsa tat-taxxa, jeħtieġ li tiġi ddeterminata l-klassifikazzjoni tal-operazzjoni inkwistjoni fid-dawl tad-definizzjonijiet li jinsabu fil-leġiżlazzjoni applikabbli tal-Unjoni u l-kjarifiki pprovduti mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.

### 5.1.3. Operazzjoni ta' rkupru tal-iskart

- (131) L-operazzjonijiet ta' rkupru ta' materjal u ta' radam mill-ġdid huma definiti mid-Direttiva dwar l-Iskart (ara l-premessi 21 u 22).
- (132) L-Annessi I u II ta' dik id-Direttiva jelenkaw ukoll l-operazzjonijiet li jistgħu jiġu kklassifikati bħala rimi u rkupru, rispettivament. Il-Qorti tal-Ġustizzja indikat id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva li skonthom dawk l-eżempji ma humiex eżawrjenti, u li fejn operazzjoni ta' trattament tal-iskart ma tkunx tista' tiġi attribwita għal xi waħda mill-operazzjonijiet jew kategoriji ta' operazzjonijiet elenkati fl-Annessi I u II tad-Direttiva msemminja hawn fuq, fuq il-bażi biss tal-formulazzjoni tal-operazzjonijiet inkwistjoni, din trid tiġi kklassifikata fuq bażi ta' każ b'każ fid-dawl tal-oġġettivi u d-definizzjonijiet ta' dik id-Direttiva. Għalhekk huwa meħtieġ li jiġi ddeterminat jekk l-għan ewlieni tal-operazzjoni inkwistjoni huwiex li jiġi rkuprat l-iskart li qed jissostitwixxi materjali oħra li setgħu ntużaw.
- (133) Kif stabbilit fid-dettall fil-premessi 27 sa 32, operazzjoni trid tissodisfa żewġ kundizzjonijiet sabiex tikklassifika bħala operazzjoni ta' rkupru tal-iskart: (i) kundizzjoni ta' konservazzjoni u (ii) kundizzjoni ta' adegwatezza.
- (134) Iż-żewġ tipi ta' fluff (fluff kombustibbli u fluff mhux bijodegradabbli), użati kemm għas-settur 1 kif ukoll għas-setturi 2 sa 8 tal-landfill, skont ir-reġistrazzjoni tagħhom bħala skart mhux perikoluż skont l-Ordni tal-Gvern ta' Wallonia tal-10 ta' Lulju 1997 (ara l-premessi 53 u 148), se jitqiesu flimkien għall-finijiet tal-analiżi tal-kundizzjonijiet ta' konservazzjoni u ta' adegwatezza. L-iskart goff imfarrak użat għall-operazzjonijiet ta' rkupru fl-2009 biss se jiġi analizzat fid-dawl ta' dawn iż-żewġ kundizzjonijiet.
- (135) L-iskart użat għall-fażi tal-għata, f'konformità mar-reġistrazzjoni miksuba fl-2016 (ara l-premessa 71), jikkorrispondi għal dak imsemmi fl-Anness I tal-Ordni dwar l-Irkupru, u għalhekk huwa meqjus bħala rekuperabbli *de facto* (b'differenza mill-iskart li għalih irid jintalab ċertifikat *ad hoc*, bħaż-żewġ tipi ta' fluff imsemminja hawn fuq).
- (136) Għalkemm l-ilment ġie ppreżentat fit-18 ta' Settembru 2015 u kien jikkonċerna r-reġistrazzjonijiet għall-irkupru tal-iskart u ċ-ċertifikati ta' użu miksuba minn Renewi qabel dik id-data, il-Kummissjoni, fl-analiżi tagħha, se tqis ukoll ir-reġistrazzjonijiet u ċ-ċertifikati mogħtija lil Renewi sussegwentement.

### 5.1.3.1. Kundizzjoni ta' konservazzjoni

- (137) Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, il-karatteristika essenzjali ta' operazzjoni ta' rkupru tal-iskart hija li l-oġġettiv prinċipali tagħha jkun li l-iskart iservi skop utli billi jissostitwixxi materjali oħra li kien ikollhom jintużaw għal dak il-għan, u b'hekk jiġu kkonservati r-riżorsi naturali.
- (138) Il-konservazzjoni tar-riżorsi naturali trid tkun l-oġġettiv prinċipali tal-operazzjoni ta' rkupru. Min-naħa l-oħra, jekk il-konservazzjoni tar-riżorsi naturali tikkostitwixxi biss effett sekondarju ta' operazzjoni li l-oġġettiv prinċipali tagħha jkun ir-rimi tal-iskart, din ma tistax taffettwa l-klassifikazzjoni ta' dik l-operazzjoni bħala operazzjoni ta' rimi.

- (139) Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, huwa għalhekk meħtieġ li jiġi ddeterminat jekk l-operazzjoni inkwistjoni kinitx titwettaq anki fin-nuqqas ta' skart disponibbli, f'liema każ kien ikun meħtieġ li jintużaw materjali oħra.
- (140) Il-Kummissjoni tosserva, l-ewwel nett, li mill-kummenti tal-partijiet jirriżulta li l-permess uniku kien jirrikjedi lil Renewi, għal raġunijiet ta' protezzjoni ambjentali, twettaq operazzjonijiet ta' rkupru bil-għan li jiġi restawrat is-settur 1 tal-landfill ta' Mont-Saint-Guibert (ara l-premessa 47). Renewi għalhekk talbet u kisbet diversi ċertifikati (ara l-premessi 49 sa 52).
- (141) Fir-rigward tas-setturi 2 sa 8, il-permess uniku tal-10 ta' Mejju 2004 inizjalment ippermetta lil Renewi topera dawn is-setturi (ara l-premessa 47). Il-Kummissjoni tirrimarka, madankollu, li wara d-deċiżjoni li jingħalaq is-sit f'konformità mar-rekwiżiti tal-permess uniku u abbażi tar-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-Kumitat Xjentifiku fir-rapport tiegħu tal-11 ta' Marzu 2011, mill-2011, Renewi kienet legalment obbligata tagħlaq u tirrestawra l-landfill ta' Mont-Saint-Guibert kollha kemm hi għas-setturi 1 sa 8 (ara l-premessi 65 sa 72).
- (142) Il-Kummissjoni għalhekk tinnota li l-leġiżlazzjoni ta' Wallonia tirrikjedi li l-gradjent ta' inklinazzjoni tal-koppla ma jridx jaqbeż l-għoli stabbilit fil-permess uniku, u ma jridx ikun anqas minn 3 %. Il-permess mogħti lil Renewi jimponi għoli massimu ta' 161 metru u gradjent minimu ta' inklinazzjoni ta' 3 % (massimu ta' 14 %). Skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-permess, jekk ikun impossibbli li jintlaħaq dak l-għoli, Renewi hija obbligata timla l-landfill b'materjali li jissodisfaw il-karatteristiċi u l-kundizzjonijiet tal-iskart rekuperabbli f'konformità mal-Ordni dwar l-Irkupru. Bħala riżultat tal-projbizzjonijiet suċċessivi fuq ir-rimi ta' ċertu skart fil-landfill permezz tad-digriet tal-Gvern ta' Wallonia tat-18 ta' Marzu 2004 (ara l-premessi 59 u 62), li għamilha impossibbli li l-landfill timtela fl-iskedi ta' żmien stabbiliti inizjalment fil-permess uniku, ġie deċiż li jintemmu l-operazzjonijiet fil-landfill. Barra minn hekk, l-użu tal-fluff kien iġġustifikat mill-impossibbiltà teknika li s-sit jingħalaq bil-kwantità eżistenti ta' skart (ara l-premessa 68).
- (143) Għalhekk, ir-restawr tas-sit (il-ħolqien tal-koppla u l-għata) (ara l-premessi 69 u 71) kien ikollu jsir fi kwalunkwe każ bħala riżultat ta' dawk l-obbligi regolatorji, anki jekk skart xieraq ma kienx disponibbli fi kwantitajiet suffiċjenti għal dan il-għan.
- (144) Għalhekk, intużaw biss fluff u skart goff imfarrak biex tiġi restawrata l-landfill, għalkemm kien ikun possibbli li jintużaw materjali oħra li kienu jeżistu dak iż-żmien u li kienu disponibbli fi kwantitajiet suffiċjenti. Dawn il-materjali, bħat-tafal espandut, tipi differenti ta' fowm u blat tal-lava (ara l-premessi 87 sa 89) kienu konformi mar-rekwiżiti speċifiċi għar-restawr tal-landfill.
- (145) Il-Kummissjoni għalhekk tikkonkludi minn dak li ntqal hawn fuq li f'dan il-każ il-kundizzjoni ta' konservazzjoni hija ssodisfata.

#### 5.1.3.2. Kundizzjoni ta' adegwatezza

- (146) Skont il-Qorti, operazzjoni tista' tiġi kklassifikata biss bħala operazzjoni ta' rkupru jekk, skont l-għarfien xjentifiku u tekniku l-aktar reċenti, l-iskart użat ikun adattat għal dak il-għan.
- (147) F'konformità mad-Direttiva dwar ir-rimi ta' skart f'landfills (ara l-premessa 32), skart inerti u mhux perikoluż huwa adattat għat-tweġġ ta' xogħlijiet ta' żvilupp mill-ġdid jew ta' restawr. Barra minn hekk, l-Artikolu 3(17a) tad-Direttiva dwar l-iskart jikkonferma li l-iskart mhux perikoluż huwa adattat ukoll għal operazzjonijiet ta' radam mill-ġdid (ara l-premessa 33).
- (148) Il-Kummissjoni tosserva li l-awtoritajiet ta' Wallonia u Renewi kkonfermaw li l-fluff ma kienx jikkostitwixxi skart perikoluż f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Ordni tal-Gvern ta' Wallonia tal-10 ta' Lulju 1997 li tistabbilixxi klassifikazzjoni tal-iskart, u f'kull waħda mir-reġistrazzjonijiet u ċ-ċertifikati maħruġa lil Renewi. Għalhekk, in-natura mhux perikoluża tal-iskart (ara l-premessa 53) hija, f'konformità mal-Artikolu 13 tal-Ordni dwar l-Irkupru, prerekwiżit għall-użu tal-iskart għal skopijiet ta' rkupru (ara l-premessa 18).

- (149) Għalkemm l-awtoritajiet ta' Wallonia aċċettaw li l-fluff ma jistax jitqies bħala skart inerti *stricto sensu*, mill-informazzjoni pprovduta mill-partijiet jirriżulta li, f'dan il-każ u f'termini tal-użu effettiv tiegħu, dak l-iskart għandu diversi karatteristiċi li jinsabu fl-iskart inerti. Għalhekk, il-fluff mhux probabbli li jieħu n-nar bħala riżultat tal-użu tiegħu għall-iskop li jimtela s-sit (ara l-premessi 84 u 117-119).
- (150) Il-Kummissjoni għalhekk tikkonkludi minn dak li ntqal hawn fuq li, fiċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ, il-fluff jista' jitqies bħala skart xieraq u li l-kundizzjoni ta' adegwatezza hija ssodisfata. Bl-istess mod, fir-rigward tal-iskart goff użat għall-perjodu minn Frar 2009 sa Diċembru 2009, il-Kummissjoni tqis li, f'dan il-każ, dak l-iskart jista' jitqies li jissodisfa l-kundizzjoni ta' adegwatezza, peress li għandu l-karatteristiċi tekniċi meħtieġa għar-restawr tal-landfill, jiġifieri d-densità baxxa, in-nuqqas ta' bijodegradabbiltà u d-disponibbiltà fi kwantitajiet suffiċjenti (ara l-premessa 85).
- (151) Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni tqis li l-awtoritajiet ta' Wallonia ikklassifikaw b'mod korrett l-operazzjonijiet inkwistjoni bħala operazzjonijiet ta' rkupru skont it-tifsira tad-Direttiva dwar l-Iskart, b'mod speċifiku d-definizzjoni ta' operazzjoni ta' radam mill-ġdid kif stabbilit fl-Artikolu 3(17a) ta' dik id-Direttiva, u applikaw b'mod korrett ir-rata mnaqqsata tat-taxxa li tirriżulta f'konformità mal-leġiżlazzjoni rilevanti ta' Wallonia. Il-Kummissjoni għalhekk tikkonkludi li l-miżura inkwistjoni ma tagħtix vantaġġ lil Renewi.

#### 5.1.4. In-nuqqas ta' selettività

- (152) Il-Kummissjoni tinnota li l-ilment ippreżentat f'dan il-każ ma jindirizzax is-sistema tat-taxxa reġjonali ta' Wallonia fuq id-depożitu ta' skart fil-landfills kollu kemm hu, iżda biss l-applikazzjoni tiegħu għall-każ speċifiku tal-operazzjonijiet imwettqa fil-landfill ta' Mont-Saint-Guibert, abbażi tar-reġistrazzjonijiet u ċ-ċertifikati ta' użu relatati mogħtija suċċessivament mir-Reġjun ta' Wallonia lil Renewi.
- (153) Is-selektività tal-miżuri tat-taxxa hija vvalutata permezz ta' analiżi fi tliet stadji: (i) l-ewwel, trid tiġi identifikata s-sistema ta' referenza; (ii) it-tieni, huwa meħtieġ li jiġi ddeterminat jekk miżura partikolari tikkostitwixx eċċezzjoni f'dik is-sistema peress li tiddistingwi bejn operaturi ekonomiċi li, fid-dawl tal-oġġettivi intrinseċi tas-sistema, jinsabu f'sitwazzjoni fattwali u legali komparabbli; (iii) it-tielet, huwa meħtieġ li jiġi stabbilit jekk l-eċċezzjoni hijiex iġġustifikata min-natura jew mill-iskema ġenerali tas-sistema ta' referenza.
- (154) Is-sistema ta' referenza hija komposta minn sett konsistenti ta' regoli li japplikaw b'mod ġenerali — abbażi ta' kriterji oġġettivi — għall-impriżi kollha li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha kif definit mill-oġġettiv tagħha. Fil-każ tat-taxxi, is-sistema ta' referenza hija bbażata fuq elementi bħall-bażi tat-taxxa, il-persuni taxxabbli, l-avveniment taxxabbli u r-rati tat-taxxa. Konsegwentement, is-sistema ta' referenza hija, fil-prinċipju, l-imposta nnifisha <sup>(53)</sup>.
- (155) F'dan il-każ, is-sistema ta' referenza hija t-taxxa fuq l-irkupru tal-iskart fil-landfills kif tirriżulta mir-regoli stabbiliti mid-Digriet Fiskali tat-22 ta' Marzu 2007, id-Digriet tad-19 ta' Ġunju 2015 li jemendaw, u l-Ordni dwar l-irkupru. Din is-sistema hija bbażata fuq il-fatturi li ġejjin:
- (a) ir-rata tat-taxxa hija ta' EUR 0/tunnellata, sostitwita b'EUR 20/tunnellata skont id-Digriet tad-19 ta' Ġunju 2015;
  - (b) ir-rata tiġi applikata għall-iskart rekuperabbli użat fil-landfill;
  - (c) il-persuna responsabbli biex tħallas it-taxxa hija l-operatur tal-landfill.
- (156) Il-fatturi stabbiliti fil-premessa 134 huma kriterji oġġettivi. Barra minn hekk, huma konformi mal-għan tat-taxxa fuq l-irkupru tal-iskart fil-landfills. B'mod partikolari, l-ordni ġuridiku ta' Wallonia, bħall-qafas regolatorju tal-UE dwar l-iskart, jiddistingwi bejn l-operazzjonijiet tar-rimi tal-iskart u l-operazzjonijiet ta' rkupru tal-iskart. Il-leġiżlazzjoni ta' Wallonia tipprevedi żewġ rati differenti ta' tassazzjoni għal daww iż-żewġ tipi distinti ta' operazzjonijiet li jistgħu jitwettqu fil-landfills. Sabiex jiġi inkoraġġit l-użu ta' operazzjonijiet ta' rkupru, ir-rata tat-taxxa applikabbli għall-operazzjonijiet ta' rkupru hija aktar favorevoli minn dik applikabbli għall-operazzjonijiet ta' rimi.

<sup>(53)</sup> L-Avvizj dwar il-kunċett ta' għajjuna mill-Istat, iċċitat fin-nota 49 f'qiegħ il-paġna, il-paragrafi 133-134.

- (157) L-applikazzjoni tar-rata ta' EUR 0/tunnellata u, minn Lulju 2015, ta' EUR 20/tunnellata għall-iskart rekuperabbli użat fil-landfill hija miżura ġenerali li x'aktarx tiġi applikata għal kwalunkwe impriża li twettaq attività relatata mal-immaniġġar tal-iskart kif imsemmi fl-Artikolu 6(1)(12) (li qabel kien 11) tad-Digriet Fiskali. Dik il-miżura tippredvi, b'mod ġenerali u astratt, rata mnaqqa għall-iskart rekuperabbli użat fil-landfills bħala sostituti għal prodotti jew tagħmir meħtieġa għat-tħaddim u r-restawr tal-landfill, inkluża l-kura ta' wara, f'konformità mal-permess operattiv jew il-permess ambjentali. Dik ir-rata ma tintroduċix differenzi bejn operaturi ekonomiċi li, fid-dawl tal-oġġettivi intrinżiċi tas-sistema, ikunu f'sitwazzjoni fattwali u legali komparabbli, peress li operatur ta' landfill li juża skart rekuperabbli fil-kuntest ta' operazzjoni ta' rkupru ma jkunx — fir-rigward tal-oġġettiv intrinsiku tas-sistema, b'mod partikolari l-promozzjoni tal-prevenzjoni u l-irkupru tal-iskart fir-Reġjun ta' Wallonia — fl-istess sitwazzjoni bħal operatur li jwettaq rimi tal-iskart.
- (158) L-applikazzjoni tar-rata mnaqqa tat-taxxa għall-operazzjonijiet imwettqa fil-landfill ta' Mont-Saint-Guibert hija konformi mal-leġiżlazzjoni fiskali u ambjentali fis-seħħ, li hija konformi mal-ġerarkija tal-iskart u ma tirriżultax minn deċiżjoni diskrezzjonali mill-Ministru kompetenti ta' Wallonia. Il-Kummissjoni għalhekk tinnota, abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-partijiet, li d-deċiżjonijiet tal-Ministru dwar il-klassifikazzjoni ta' operazzjoni bħala rkupru jew rimi huma strettament ċirkoskritti u jiffurmaw parti minn proċess amministrattiv kontinwu, li matulu jiġu vvalutati l-kriterji li jirregolaw x'jista' jikkostitwixxi operazzjonijiet ta' rkupru. F'dak ir-rigward, il-Kummissjoni tinnota li l-klassifikazzjoni ma hijiex assolutament suġġettiva peress li hija soġġetta għal konformità stretta mar-regoli applikabbli u hija bbażata fuq kriterji oġġettivi u trasparenti li huma ddefiniti minn qabel fid-diversi digrieti u ordnijiet applikabbli (ara l-premessi 105 sa 111).
- (159) Il-Kummissjoni għalhekk tikkonkludi li l-miżura ta' għajjnuna allegata ma hijiex selettiva fin-natura tagħha.

## 6. KONKLUŻIONIJET

- (160) Bħala konklużjoni, il-Kummissjoni ssib li l-miżura inkwistjoni, jiġifieri l-applikazzjoni għall-attivitàjiet ta' Renewi fil-landfill ta' Mont-Saint-Guibert, tar-rata mnaqqa applikabbli għall-operazzjonijiet ta' rkupru minflok ir-rata sħiħa applikabbli għall-operazzjonijiet ta' rimi, ma tikkostitwix għajjnuna mill-Istat,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

### Artikolu 1

Il-miżura tar-Reġjun ta' Wallonia favur Renewi, deskritta fil-premessi 7 sa 10 ta' din id-Deċiżjoni, ma tikkostitwix għajjnuna skont l-Artikolu 107(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

### Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju tal-Belġju.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Marzu 2023.

Għall-Kummissjoni  
Margrethe VESTAGER  
Membru tal-Kummissjoni